Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Appell Civili Numru. 17/2002/1

**L-Avukat Dottor Rene` Frendo Randon, Fabrizia Frendo Randon, Maria Teresa Gatt, Maria Teresa sive Miriam Foreshow, Gabriella sive Gaby Pellegrini Petit, Tonio Ganado, Vanni Ganado, Maria Galea, Rita Buttigieg, Josephine Farrugia Randon, it-Tabib Dottor Stanley Farrugia Randon, Roberta Farrugia Randon, l-Avukat Dottor Philip Farrugia Randon, Marisa Ellul Sullivan, Martin Farrugia Randon, Maria Paris, Anna Camilleri, Robert Randon, Frances Randon, Hilda Randon, Anthony Louis Randon f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-assenti Victor Randon, Mario Randon f'ismu proprio u bhala mandatarju ta' l-assenti Mary Rose Finn, Victoria Mangion, Hugh Leone Ganado, Albert Leone Ganado,**

**Godfrey Leone Ganado, Joseph Leone Ganado, David Leone Ganado, Miriam Fenech, Mary Pace Balzan, ir-Reverendu John Randon, Vincent Randon, Alexander Randon f'ismu u bhala mandatarju ta' l-assenti Mae Cassar Torreggiani, Eileen Formosa u Anthony Randon, u b'digriet tat-30 ta' Gunju 2003 Anthony Louis Randon f'ismu kif ukoll fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' l-assenti Victor Randon, Mario Randon f'ismu kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju ta' l-assenti Mary Rose Finn, Victoria Mangion, Hugh Leone Ganado, Albert Leone Ganado, Godfrey Leone Ganado, Joseph Leone Ganado, David Leone Ganado, Miriam Fenech, Mary Pace Balzan u r-Reverendu John Randon assumew l-atti ta' din il-kawza minnflok ir-rikorrenti Frances u Hilda Randon li mietu ntestati fil-mori ta' din il-kawza, u b'digriet tat-2 ta' Frar 2007, l-atti tal-kawza gew trasfuzi fil-persuni ta' Eleonora siva Nora Randon, David Randon, Marisa Anderson mart Lee Anderson, Ronald Randon, Christina Randon, Anthony C. Randon u Jai Michael Randon bhala eredi tad-decujus Victor Randon, u b'digriet tat-2 ta' Frar 2007 l-atti ta' din il-kawza gew trazfuzi fil-persuni ta' Mario Randon, Miriam Fenech, Mary Rose Finn, Mary Pace Balzan, Victoria Mangion, Reverendu John Randon, Albert Leone Ganado, Godfrey Leone Ganado, Joseph Leone Ganado, David Leone Ganado u Louis Pace Balzan, bhala prokuratur ta' David Randon, Marisa Anderson, Ronald Randon, Christina Randon, Anthony C. Randon u Jai Michael Randon bhala werrieta tad-decujus Anthony Randon u b'digriet tad-9 ta' Frar 2009, l-atti safejn jirreferu ghal Mary Pace Balzan li mietet fil-mori tal-kawza gew trasfuzi f'isem it-Tabib Dottor John Pace Balzan, Louis Pace Balzan, George Pace Balzan, it-Tabib Dottor Alfred Pace Balzan u Anthony Pace Balzan.**

**v.**

**Il-Kummissarju ta' l-Art u l-Avukat Generali, flimkien mal-Onorevoli Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u Gvern Lokali u l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghal kull interess li jista' jkollhom, u**

**b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Marzu 2009, gie dikjarat li l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ma ghadhiex aktar parti f'din il-kawza.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan l-appell jirrigwarda zewg porzjonijiet divizi ta' art, li ghalkemm b'dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali ta' Malta ta' l-1969 gew dikjarati li hemm bzonn l-esproprazzjoni taghhom ghal skop pubbliku, il-proceduri ta' l-esproprjazzjoni baqghu ma gewx kompletati.

**2.** Ma hemmx verament kontestazzjoni dwar il-fatti bazici u saljenti ta' din il-kawza, li huma essenzjalment is-segwenti:

1. Permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 1969 il-Kummissarju ta' l-Artijiet[1] innotifika lir-rikorrenti u/jew lill-awturi taghhom b'kopja ta' dikjarazzjoni datata 13 ta' Frar 1969, li permezz taghha l-Gvernatur Generali ddikjara li l-artijiet fil-limiti ta' Birzebbugia hawn taht imsemmija kienu mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti ghal skop pubbliku w illi l-akkwist taghhom kellu jsir b'xiri assolut:

A. bicca art tal-kejl ta' sitt tmien u hames kejliet (6T 0S 5K) (Plot 41), u
B. bicca art tal-kejl ta' hdax tmien u disa' kejliet (11T 0S 9K) (Plot 53), li minnha r-rikorrenti kienu jipposjedu bicca tal-kejl ta' hdax tmien, erba' kejliet u hames decimi ta' kejla (11T 0S 4.5K).

2. Kontestwalment ma' din l-ittra ufficjali, il-Kummissarju ta' l-Artijiet, permezz ta' ittra ufficjali ohra indirizzata lill-istess rikorrenti u/jew awturi taghhom infurmahom illi l-

[1] In-nomenklaturi "Kummissarju ta' l-Art" u "Kummissarju tal-Artijiet" ovvjament jirreferu ghall-istess persuna jew awtorita` li hija indikata b'mod differenti fid-diversi ligijiet – ara l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, Kap. 169, u l-Artikolu 2 tal-Kap. 88 li jirreferi ghall-Kummissarju ta' l-Art.

kumpens li l-awtorita` lesta biex thallas lilhom ghax-xiri assolut bhala liberi u franki ghall-bicctejn art deskritti kien ta' hames mija, hamsa u sebghin lira Maltin (Lm 575) ghall-bicca art markata (A) (Plot 41); u elf, mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm1127) ghall-bicca art markata (B) (Plot 53).

3. Permezz ta' ittra ufficjali datata l-10 ta' Marzu 1969, ir-rikorrenti u/jew l-awturi taghhom kienu rrifjutaw l-kumpens offert.

4. Il-Kummissarju intimat ma pprocediex sabiex jitlob lill-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet jordna t-trasferiment ta' l-artijiet in kwistjoni b'xiri assolut u jiffissa l-kumpens relattiv.

5. Minkejja dan, il-Kunmissarju intimat ghadda l-artijiet in kwistjoni lill-Malta Freeport Corporation taht l-Att dwar il-Portijiet Hielsa ta' Malta ta' l-1989 (Kap. 334). B'hekk l-artijiet in kwistjoni gew utilizzati in parti minn din il-Korporazzjoni ghal finijiet taghha. Mill-provi rrizulta illi Plot A tinsab prezentement barra mill-konfini tal-Freeport fl-istat originali taghha, pero` tista' tigi nkluza fl-espansjoni ta' l-istess Freeport li qieghda tigi ppjanata. Plot B tinsab fil-parti l-kbira taghha entro l-konfini tal-Freeport, fejn madwar 4,200 metri kwadri gew inkorporati fl-izvilupp tal-Freeport Centre (ufficini), parkegg u toroq cirkostanti, madwar 7,500 metri kwadri qed jigu zviluppati bhala *storage area* u parti zghira ta' madwar 600 metri kwadri tinsab prezentement barra mill-konfini tal-Freeport fl-istat originali taghha, pero` wkoll tista' tkun nkluza fl-espansjoni ta' l-istess Freeport li qieghda tigi ppjanata[2].

6. Ghalkemm fil-frattemp ir-rikorrenti u/jew l-awturi taghhom interpellaw diversi drabi lill-Kummissarju intimat biex ikompli l-proceduri ta' l-esproprjazzjoni, huwa baqa' inadempjenti, u baqa' jitlob informazzjoni ulterjuri dwar it-titolu tar-rikorrenti u l-awturi taghhom.

---

[2] Ara rapport tal-perit tekniku AIC Godwin P. Abela a fol 79-80 tal-process.

7. Fis-27 ta’ Awissu 1996, ir-rikorrenti u/jew l-awturi taghhom intavolaw proceduri gudizzjarji fejn talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex il-Kummissarju intimat, konvenut f’dik il-kawza, jistitwixxi l-proceduri mehtiega quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet (**Dottor Rene` Frendo Randon et v. Kummissarju ta’ l-Artijiet** (citazzjoni numru 2622/96 AJM)).

8. B’sentenza ta’ l-4 ta’ Frar 2000, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici w ordnat lill-Kummissarju ta’ l-Art sabiex fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza jistitwixxi l-proceduri mehtiega quddiem l-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet in konnessjoni mal-proprjeta` in kwistjoni.

9. Fil-fatt, fit-18 ta’ April 2000, l-Agent Kummissarju ta’ l-Artijiet intavola l-proceduri necessarji quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet sabiex tigi konkluza l-esproprjazzjoni tal-proprjeta` in kwistjoni.

10. Fil-mori ta’ dawn il-proceduri gew rezi pubblici l-pjanijiet tal-Gvern rigward il-privatizazzjoni, totali jew parzjali, tal-Freeport Corporation, inkluz l-ghoti lis-settur privat ta’ l-uzu u t-tgawdija ta’ certi strutturi mibnija in parti fuq l-artijiet in kwistjoni.

11. Fil-fatt fil-mori tal-proceduri odjerni, u cioe` b’kuntratt ta’ kera fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tal-5 ta’ Ottubru 2004, il-Malta Freeport Corporation Limited kriet il-proprjeta` gol-Freeport lil kumpanija privata, u cioe` lill-kumpanija Malta Freeport Terminals Ltd., ghal perjodu ta’ tletin sena, bil-kera li tibda minn miljun dollaru American fis-sena u tibqa’ titla kull sena sakemm fit-tletin sena trid tithallas kera ta’ hmistax, decimali 22 (15.22) miljun dollaru Amerikan[3].

## Talbiet u eccezzjonijiet

**3.** Fir-rikors promotorju r-rikorrenti allegaw:

---

[3] Ara fol. 142 *et seq.* tal-process, senjatament fol. 165.

1. illi l-esproprjazzjoni ta’ l-artijiet in kwistjoni ma saritx fl-interess pubbliku;
2. nuqqas ta’ dritt ta’ access quddiem awtorita` gudizzjarja bi ksur ta’ l-Artikolu 37(recte: (1))(b) tal-Kostituzzjoni;
3. nuqqas ta’ smiegh xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur ta’ l-Artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
4. nuqqas ta’ smigh smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli bi ksur ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;
5. nuqqas ta’ indipendenza u imparzjalita` tal-Bord ta’ l-Arbitragg bi ksur ta’ l-Artikoli 37(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.
6. vjolazzjoni tad-dritt ghal kumpens li jkun xieraq.

**4.** Ghalhekk huma talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, sabiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja:

1. tiddikjara li gew lezi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;
2. tiddikjara li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u bl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol li hemm ma’ l-istess Konvenzjoni, inkorporati fl-Ewwel Skeda ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. konsegwentement tiddikjara nulla w invalida fil-ligi l-operazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Generali in kwantu tolqot l-artijiet imsemmija fl-ittra ufficjali tal-21 ta’ Frar 1969, u
4. taghti kull rimedju iehor li dika l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

**5.** Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet, l-Avukat Generali u l-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali eccepew, in sintesi, illi:

1. Preliminarjament li r-rikorrenti iridu jgibu l-prova tat-titolu taghhom fuq l-artijiet illi dwarhom huma qeghdin jintavolaw dawn il-proceduri;

2. Preliminarjament ukoll illi l-Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali m'huwiex l-legittimu kontradittur ghat-talbiet.

3. Fil-meritu, huma eccepew illi:

(a) l-art *de quo* qieghda tintuza bhala parti mill-Port Hieles ta' Malta illi huwa manifestament progett fl-interess pubbliku. Dan l-interess pubbliku fl-ezistenza tal-Port Hieles jezisti u jissussisti irrispettivament minn jekk l-istess Port Hieles jkunx gestit bhala korporazzjoni tal-Gvern jew bhala intrapriza gestita mill-privat;

(b) kwantu ghall-ilment dwar "nuqqas ta' dritt ta' access quddiem awtorita` gudikanti", din il-lanjanza hija bazata fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u m'hijiex diskutibbli in vista' ta' dak li jiipprovdi l-Artikolu 47(9) ta' l-istess Kostituzzjoni illi jezenta mill-operat ta' l-Artikolu 37, il-Kap. 88 kif kien fit-3 ta' Marzu 1962; illi pero` dak li qeghdin jsostnu r-rikorrenti huwa fi kwalunkwe kaz infondat ghax kull meta jkun hemm obbligazzjoni minghajr terminu, min ikun qieghed jippretendi l-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jista' jaccedi quddiem il-Qrati ghall-fissazzjoni ta' dak it-terminu kif, del resto, r-rikorrenti fil-fatt ghamlu;

(c) kwantu ghan-nuqqas ta' smiegh xieraq taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, skond l-Artikolu 7 ta' l-Att XIV ta' l-1987 *"Ebda ksur ta' drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali imwettqa qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dan l-Att."*; dan ifisser, skond l-intimati, illi l-perjodu ta' bejn l-1969 u t-30 ta' April 1987 certament m'huwiex diskutibbli taht il-Kap. 319; illi di piu` r-rikorrenti kellhom il-facilita` li jaccedu ghall-Qorti sabiex din tiffissa terminu ghall-intavolar ta' l-azzjoni quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet, liema facilita` huma damu ma utilizzawha sal-1996; illi r-rikorrenti ma kienux ippruvaw it-

titolu taghhom ghall-art in kwistjoni u baqghu ma ppruvawx dan it-titolu sal-lum;

(d) dwar l-ilment rigward "Nuqqas ta' smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli", il-proceduri ilhom pendenti biss mit-18 ta' April 2000. Dawn il-proceduri qed jinstemghu attivament, qatt ma ntalbu differimenti mill-esponenti u minn dakinhar (sad-data tal-presentata tar-risposta ulterjuri tal-24 ta' Lulju 2002, ara fol. 20 tal-atti) saru diga` hames seduti;

(e) dwar l-ilment rigward l-allegata nuqqas ta' indipendenza w imparzjalita` tal-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet, l-esponenti qieghdin jissollevaw l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju fit-termini ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, billi jekk ir-rikorrenti jidhrilhom illi l-membri tal-Bord ma jgawdux l-indipendenza u l-imparzjalita` necessarji skond il-ligi, dawn imisshom irrekuzawhom; ighidu wkoll l-intimati illi l-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet huwa imwaqqaf b'ligi (l-Artikolu 23 tal-Kap. 88), ma huwa soggett illi jiehu ordnijiet minn ghand hadd, u huwa ghalhekk indipendenti, u huwa marbut bl-obbligi imposti fuq l-Imhallfin permezz ta' artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar ir-rikuzi, inkluz l-obbligu ta' l-imparzjalita`; l-imsemmi Bord huwa wkoll attwalment presjedut minn gudikant illi jgawdi l-protezzjoni kollha tal-Kostituzzjoni u kif jirrizulta mill-Artikolu 24(3) tal-Kap. 88 il-membri tal-Bord igawdu *security of tenure* ghall-perjodu tal-hatra taghhom; subordinatament gie sottomess ukoll illi kull ma jaghmel il-Bord huwa illi jiffissa l-ammont ta' kumpens u illi din il-funzjoni ma tammontax ghad-*"determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi civili"*;

(f) dwar l-allegata vjolazzjoni tad-dritt ghal kumpens li jkun xieraq, il-kumpens offert lir-rikorrenti kien wiehed gust u xieraq tenut kont ta' x'ittiehed minn ghandhom fiz-zmien li ttiehed, u cioe` fl-1969; huwa assolutament illogiku illi r-rikorrenti jgawdu minn awment fil-valur tal-proprjeta` in kwistjoni li sar wara t-tehid u illi hafna minnu huwa ukoll dovut ghall-investiment pubbliku massicc illi sar fl-inhawi in kwistjoni; huwa wkoll rilevanti illi l-Kap. 88 jipprovdi

ghall-hlas ta' *'danni'* kalkolati bil-hamsa fil-mija fis-sena fuq il-valur mid-data li fiha l-Gvern ikun ha l-art esproprjata sad-data tal-hlas tal-kumpens.

**6.** Peress li l-mertu ta' dan ir-rikors huwa simili ghal dak tar-rikors kostituzzjonali l-iehor numru 18/02, il-partijiet ftehmu li z-zewg processi ghandhom jimxu flimkien[4].

**7.** B'nota pprezentata fil-15 ta' Dicembru 2006, ir-rikorrenti cedew l-atti tar-rikors biss fil-konfront ta' l-intimata Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja[5].

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**8.** B'sentenza ta' l-20 ta' Ottubru 2008, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet mill-vertenza billi fl-ewwel lok astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront biss ta' l-intimata Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja stante li l-kawza giet ceduta fil-konfront biss ta' l-istess Kummissjoni; billi fit-tieni lok cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-intimati; billi fit-tielet lok laqghet t-tieni eccezzjoni preliminari ta' l-intimati u b'hekk illiberat lill-intimat Onor. Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali mill-osservanza tal-gudizzju; billi fir-raba' lok iddikjarat li gew lezi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti billi kien hemm nuqqas ta' access taghhom ghal awtorita` kompetenti; billi fil-hames lok cahdet il-pretensjonijiet l-ohra kollha tar-rikorrenti; fis-sitt lok billi ordnat li l-intimati Kummissarju ta' l-Art u l-Avukat Generali *in solidum* bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' mitt elf euro (€100,000) in linea ta' kumpens "ghall-imsemmija vjolazzjoni serja tad-drittijiet tar-rikorrenti rigwardanti l-access ghall-awtorita` gudizzjarja kompetenti"; u fis-seba' lok billi ddikjarat li m'ghandu jinghata l-ebda rimedju iehor hlief dak gja` moghti. Dik il-Qorti ordnat li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**9.** L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:

---

[4] Ara verbal fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2002, a fol. 38 tal-process.
[5] Ara fol. 268b tal-process.

“**L-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati**

“L-intimati fir-risposta taghhom jeccepixxu preliminarjament, fl-ewwel lok, li r-rikorrenti ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom fuq l-artijiet de quo u, fit-tieni lok, li l-Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali m’huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti;

“Kwantu ghall-imsemmija l-ewwel eccezzjoni preliminari, f’dawn il-proceduri u f’dan l-istadju, l-prova dwar it-titolu da parti tar-rikorrenti mhux prettament neceessarja. Huma kkonfermaw fir-rikors promotur li huma s-sidien tal-artijiet de quo. Huma semmai l-intimati, jekk ghandhom xi dubju, li jipprovaw li r-rikorrenti mhux is-sidien tal-istess artijiet. Del resto f’azzjoni bhal din in esami m’hemmx ghalfejn li ssir mis-sidien kollha. Huma r-rikorrenti li qed jippretendu li gew lesi d-drittijiet fundamentali taghhom. Huma dawn il-pretensjonijiet li ser jigu decizi u dana biss fil-konfront tal-istess rikorrenti. Inoltre jekk l-intimat kellu xi dubji dwar xi sidien li kienu jew mhux maghrufa jew incerti, fil-proceduri quddiem il-Bord kompetenti, huwa seta jgixxi kontra kuraturi nomnati appositament u dana kif irriteniet din il-Qorti (diversament presjeduta) fi proceduri ohra li kienu pero` b’xi mod konnessi mal-mertu tal-presenti proceduri;

“Ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari m’ghandix tigi akkolta u konsegwentement qed tigi michuda;

“Kwantu ghall-imsemmija eccezzjoni preliminari l-ohra r-rikorrenti ddikjaraw li huma qed jgixxu ukoll kontra l-imsemmi ministru biss in relazzjoni mal-ilment taghhom dwar id-dewmien tal-proceduri quddiem il-Bord kompetenti. Hu ovvju li l-ministru in kwestjoni m’ghandu l-ebda resposabilita’ f’dan ir-rigward anke jekk in effett jirrizulta li veru li hemm dan id-dewmien. Il-ministru, skond il-ligi, ma jista jghamel xejn f’dan ir-rigward. Skond il-ligi l-legittimi kntraditturi f’dawn il-proceduri huma appuntu l-Kummissarju tal-Art, li kien responsabbli ghall-hafna mill-fatti u proceduri li qed jilmentaw minnhom ir-rikorrenti. Hu ukoll kontradittur legittimu l-Avukat Generali. Skond il-ligi, proceduri bhal dawn in esami ghandhom jigu indirizzati

appuntu kontra l-Avukat Generali jekk m'hemmx Dipartiment tal-Gvern li jista jkun identifikat bhala koncernat fi proceduri bhal dawn in esami;

"In vista ta' dan kollu din l-eccezzjoni qed tigi akkolta u konsegwentement l-intmat Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

**"L-ilmenti kostituzzjonali tar-rikorrenti, r-risposti tal-intimati u l-konsiderazzjonijiet legali tal-Qorti**

"Ghal finijiet tal-imsemmija talbiet taghhom, ir-rikorrenti jallegaw li huma sofrew diversi lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, cioe' l-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Dawn l-ilmenti tar-rikorrenti ser jigu esaminati wiehed wiehed flimkien mas-sottomissjonijiet relattivi tal-intimati. Wara l-esami ta' kull ilment u ir-risposta relattiva, l-Qorti ser tghaddi biex thamel il-konsiderazzjonijiet taghha u tghati d-decizjoni rellattiva. F'dawn il-konsiderazzjonijiet ser jinghataw ukoll rilevanza, fejn hu hekk opportun, lill replika u trattazzzjoni orali tar-rikorrenti u n-nota responsiva ta' osservazzjoni tal-intimati. Irid jigi notat li l-imsemmija replika tar-rikorrenti fiha hafna ripetizzjonijiet ta' dak li gie sottomess fir-rikors promotur. Dan zgur ma jghinx fl-andament naturali u spedit li hu fondamentali fi process bhal dan. In effett din ir-replika setghet giet ridotta fit-tul taghha b'mod drastiku;

**"Esproprjazzjoni li mhijiex fl-Interess Pubbliku**

**"Fl-ewwel lok** ir-rikorrenti jilmentaw li l-esproprjazzjoni in kwestjoni ma saritx fl-"interess pubbliku" kif trid il-ligi, kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti jissottomettu li in vista tal-iskema ta' privatizazzjoni tal-Port Hieles (illum tali privatizazzjoni sehhet) l-esproprjazzjoni in kwestjoni giet ridotta ghal ezercizzju ta' spekulazzjoni kummercjali u ta' edilizzja. L-uzu materjali tal-artijiet in kwistjoni ghadda f'idejn il-privat ghal skopijiet

purament kummercjali, u f'dan il-process il-Gvern ta' Malta u l-Freeport Corporation ghamlu qligh sostanzjali. Ghalhekk, skond ir-rikorrenti, l-element ta' l-"interess pubbliku" gie nieqes;

"Dwar **dan l-ewwel ilment** l-intimati rrispondew li l-bictejn art in kwestjoni qed jintuzaw bhala parti mill-Port Hieles ta' Malta. Dan hu progett manifestament fl-interess pubbliku, li jiggenera l-ekonomija, jiffacilita l-kummerc, izid il-kompetittivita tal-pajjiz u johloq numru kbir ta' impiegi. Dan kollu irrispettivament jekk il-Port Hieles hu gestit mill-Gvern jew minn intrapriza privata. L-intimati jissottomettu li dak li qed isostnu r-rikorrenti, li l-esproprijazzjoni ghadha m'hijiex konkluza, mhux sostenibbli. Skond l-intimati l-kuntratt ma jistx jitqies li hu l-att finali li jikkonkludi l-espropju. Jekk hu hekk l-esproprijazzjoni tigi reza minghajr ebda skop. Skond l-intimati u skond il-ligi, l-esproprijazzjoni tal-proprjeta tkun kompleta meta l-Kummissarju ta' l-Art jakkwista d-dritt li jaghmel mill-art esproprjata dak kollu illi jista jghamel s-sid. Wara dan, l-uniku dritt li jibqalu s-sid hu d-dritt li jircievi kumpens. Skond l-intimati l-kuntratt finali huwa biss l-att illi jifformalizza t-trasferiment tal-art b'mod partikolari fil-konfront ta' terzi;

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Din is-sottomissjoni tar-rikorrenti mhux sostenibbli. Ma hemmx dubju li l-esproprjazzjoni in kwestjoni saret fl-"interess pubbliku." L-artijiet esproprjati in parte huma inkluzi fil-progett tal-Port Hieles u l-Qorti m'ghandiex dubju li tali progett hu fl-interess pubbliku u fl-interess nazzjonali;

"Il-Port hieles hu importanti ghall-ekonomija tal-pajjiz, peress li jipprovdi xoghol, igib lejn Malta valuta barranija, jzid fil-kompetitivita' tal-pajjiz, jigu provduti diversi sevizzi da parti ta' terzi lill-Port Hieles, oltre hafna beneficci ohra li mhux il-kaz li jigu kollha elenkati. Dan hu fatt li hu ben mghruf minn kullhadd oltre li jirrizulta ukoll mill-provi prodotti b'mod partikolari minn dak li qalu s-Senior Manager fil-Freeport u s-Segretarju Permanenti fil-

Ministeru ta’ l-Investiment, Industrija u Teknologija Informatika, li gew prodotti bhala xhieda;

“Meta gew presentati dawn il-proceduri l-Gvern tal-gurnata kien indika b’mod car li ried jipprivatizza l-Port Hieles. In effett, fil-mori tal-kawza l-Port Hieles gie privatizzat u issa l-istess qed jigi gestit minn socjeta’ privata. Il-Gvern ghadda b’kera, ghal zmien limitat, l-art tal-Port Hieles lis-socjeta’ li issa qed tiggestih u dana ovvjament bil-kondizzjoni ta’ hlas ta’ kera annwali, li jista jigi definit bhal hlas ‘sostanzjali’, u inoltre din il-kera tizdied periodikament.  Ma hemm xejn irregolari li l-Gvern ghandu introjtu mill-privatizzazzjoni tal-Port Hieles. Dan l-intojtu finalment ser jkun ta’ beneficcju ghal-komunita` in generali. Inoltre l-Gvern ghandu dhul iehor minn dan il-progett fil-forma ta’ varji taxxi. Qabel ma gie privatizzat, il-Port Hieles kien gestit mill-Gvern u dan ghal zmien pjuttost twil. Meta kien gestit mill-Gvern il-progett gie zviluppat fuq medda ta’ diversi snin u inoltre sar investiment sostanzjali konsistenti principalment f’bini, makkinarju u armar, kif ukoll f’risorsi umani. Kienet il-politika dikjarata tal-Gvern ta’ dak iz-zmien li jigu privatizzati diversi progetti u azzjendi li setghu kienu ukoll ta natura kummercjali. Tenut kont ta’ dawn il-fatti kollha ma jistax jinghad li l-privatizzazzjoni tal-Port Hieles irrendiet ruhha bhala operazzjoni ta’ spekulazzjoni kummercjali u edilizja, kif qed isostnu r-rikorrenti;

“Fi kwalunkwe kaz il-mument krucjali relattiv ghall fatt jekk kienx jesisti jew le l-“interess pubbliku” u l-mument tal-espropju. Wara li tigi pubblikata id-dikjarazzjoni tat-tehid tal-art u wara li jghaddu ftit granet, skond il-ligi (artikolu 12(1) tal-Kapitolu 88), il-Gvern ikollu d-dritt li jiehu l-pussess tal-istess art u jkun jista jghamel bl-art esproprjata dak kollu li sid jista jghamel (artikolu 12(2) tal-istess Kapitolu 88). Mhux korretta s-sottomissjoni tar-rikorrenti li l-espropju ghadu ma sehhx peress li ghadu ma sarx il-kuntratt finali. Wara l-imsemmija dikjarazzjoni, skond il-kaz, tal-Gvernatur Generali jew tal-President tar-Repubblika, s-sidien, li l-art taghhom giet esproprjata, jifdallhom biss id-dritt li jithallsu kumpens xieraq ghall-istess art esproprjata. Ghalhekk jekk hemmx jew le l-

"interess pubbliku" hi kwestjoni li trid tigi esaminata u relatata mal-hin li saret l-imsemmija dikjarazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti m'hemmx hu ovvju li fi zmien tad-dikjarazzjoni l-artijiet in kwestjoni ttiehdu ghal skop u fl-interess pubbliku. Il-fatt li sussegwentent (u dan hafna snin wara) il-Port Hieles gie privatizzat ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-imsemmi "interess pubbliku";

"Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li mhux l-art kollha li ttiehdet minn ghandhom hi parti miz-zona tal-Port Hieles. Dan hu fatt li jirrizulta mix-xhieda u anke mir-rapport tal-Perit Tekniku. Jidher inoltre l-partijiet mhux zviluppati jammontaw ghal circa pari wahda minn ghaxra (1/10) mil-artijiet kollha esproprjati minghand ir-rikorrenti. Kif gia gie rilevat sabiex gie varat l-progett in kwestjoni u sabiex beda jghati l-frott, ittiehed hafna znien. Il-Port Hieles ghadu qed jigi zviluppat, tant li s-socjeta privata li issa qed tmexxi l-progett hi obbligata li tghamel investiment sostanzjali, kif ukoll jirrizulta li hemm il-hsieb li dawk l-artijiet, li bhalissa ghadhom barra miz-zona tal-Port Hieles, jigu eventwalment zviluppati u b'hekk ikunu parti integrali mill-Port Hieles;

"Minn dan kollu zgur li ma jirrizultax li l-"interess pubbliku" gie nieqes u zgur li ma jistax jinghad li l-privatizzazzjoni tal-progett in kwestjoni tammonta ghal ammissjoni da parti tal-Gvern li l-progett seta' sa mill-bidu nett tieghu gie fdat lill-privat. F'kull kaz ta' esproprjazzjoni jista jigi argumentat li s-sidien originali setghu thallew ibieghu huma l-art u b'hekk ikunu jistghu jottjenu l-ahjar prezz tas-suq. Kieku isir hekk, pero`, s-sidien ikollhom il-fakulta` li jekk ma jottjenux il-prezz li jixtiequ huma ma jbieghux. Jistghu, addirittura, jirrifjutaw li jbieghu anke minghajr ma jigi negozjat il-prezz. Appuntu dan hu li jrid jigi evitat permezz tal-esproprjazzjoni u din hi l-gustifikazzjoni ghala jesisiti l-istitut tal-espropju. Jista jinghad ukoll li l-ligi tissalvagwardja l-interessi tas-sidien billi tipprovdi li l-espropju jrid isir ghal skop nazzjonali u ghall-interess pubbliku. Il-ligi tipprovdi ukoll li s-sid ghandu jinghata kumpens gust. Inoltre ma hemm xejn li jimpedixxi li l-awtoritajiet jirregolaw ukoll kif ghandu jigi kalkolat dan il-kumpens. B'hekk ukoll mhux suppost li s-sidien

ghandhom isofru xi pregudizzju u ghalhekk f'dan il-kaz in partikolari ma jistax jinghad li r-rikorrenti sofrew pregudizzju u li tali pregudizzju ma kienx necessarju lanqas fl-interess nazzjonali;

"F'dan il-rigward l-intimati jghamlu referenza ghall-mentalita` tar-rikorrenti li huma jsejjhu bhala "mentalita' fewdali." Frankament il-Qorti ma tistax tifhem dan l-argument tal-intimati. Ir-rikorrenti qed jghamlu dak, li skond il-ligi, jistghu jghamlu biex jissalvagwardaw kemm jista jkun id-drittijiet taghhom. Il-fatt li proprjeta privata tittiehed mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod forzat jew obbligatorju, hu per se fatt odjuz u jista jwegga mhux ftit lis-sid jew sidien tal-proprjeta. Ghalhekk, fl-opinjoni tal-Qorti, l-awtoritajiet koncernati kompetenti, f'dawn ic-cirkostanzi, ghandhom jagixxu bl-aktar ragjonevoli w ekwilibrat u ghandhom jghamlu dak kollu possibbli sabiex l-operazzjoni kollha tiehu l-anqas zmien possibbli u issir minghajr problemi u li twegga mill-inqas lis-sid jew sidien li jkunu sofrew l-espropju. Minn xi partijiet tar-risposta u tan-nota tal-intimati, huma l-istess intimati li juru mentalita' arkajka fis-sens li l-awtorita' tista taghmel kollox anke a skapitu tad-drittijiet tac-cittadin jew tal-individwu;

"Sahansitra, fir-rikors numru 18/02 jirrizulta li l-intimat Kummissarju tal-Art injora kompletament l-ordni tal-Qorti kompetenti biex huwa, f'terminu li gie ffissat, jipprocedi quddiem il-Bord kompetenti in konnessjoni mal-artijiet meritu ta' dak ir-rikors. F'dan ir-rigward l-iskuza (ghaliex ma hija xejn hlief "skuza") tal-imsemmi intimat hi li dan gara "bi svista." Infantili u puerili u m'hemm xejn izjed x'wiehed izid hlief li hu punt kardinali tad-demokrazija li kullhadd, inkluz il-Gvern u ufficjali tal-Gvern, ghandhom jobdu l-ordnijiet tal-Qorti;

"Il-Qorti esaminat bir-reqqa s-sentenza li giet prodotta mir-rikorrenti permezz tan-nota tal-1 ta' Frar 2007. Il-fatti tal-kaz in esami huma ghal kollox differenti mill-fatti li pprovokaw l-imsemmija sentenza tat-8 ta' Jannar 2007. Ghalhekk il-principji enuncjati f'dik is-sentenza mhux applikabbli ghal presenti proceduri;

“Hu l-kaz li ssir referenza ghas-sentenza, li giet ikkwotata mill-intimati, fl-ismijiet “Scotts of Greenock Ltd and Lithgows Ltd vs. U.K.” (applikazzjoni numru 9482/81) deciza fis-17 ta’ Lulju 1989 fejn intaqal li l-iskop pubbliku rigward x’ghandu jsir minn industrija jista jvarja maz-zmien u gie konkluz ukoll li jista jkun hemm rivendita` tal-industrija in kwistjoni u tali rivendita` ma tbiddel xejn ghar-rigward tal-iskop ta’ utilita` pubblika li ghalih kienet originarjament giet nazzjonalizzata l-istess industrija;

“In vista ta dak kollu li gie premess din l-ewwel sottomissjoni tar-rikorrenti m’ghandiex tigi akkolta u ghalhekk qed tigi rigettata;

**“Nuqqas ta’ Dritt ta’ Access Quddiem Awtorita’ Gudizzjarja**

**“Fit-tieni lok** ir-rikorrenti jilmentaw min-nuqqas ta’ dritt kompetenti lilhom li jaccedu quddiem awtorita` gudizzjarja. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti jghamlu referenza ghall-artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li fil-kaz ta’ tehid furzat ta’ xi proptjeta, l-ligi relattiva trid tipprovdi li tali tehid ta’ pussess jew akkwist jista jsehh. Inoltre l-istess ligi ghandha tassikura li kull minn jissubixxi l-espropju ghandu jkollu dritt ta’ access lil qorti jew tribunal, li jrid ikun indipendenti w imparzjali u mwaqqaf b’ligi, sabiex jigu determinat l-ammont tal-kumpens u sabiex jinkiseb l-hlas tal-istess kumpens. Ir-rikorrenti jkomplu jissottomettu li il-provedimenti tal-Kapitolu 88, li hi l-ligi rilevanti, ma jipprovdu ghall-ebda dritt ta’ access quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet, li hu l-Bord kompetenti, li fost affarijiet ohra, hu kompetenti li jiddeciedi dwar l-ammont ta’ kumpens dovut. Hu minnu li qabel ma recentement saru xi emendi, fl-imsemmija ligi rilevanti, tali access kien ristrett biss ghal-intimat Kummissarju ta’ l-Art, li hu biss seta’ jibda tali proceduri u dan wara li jkun gie offert il-kumpens u tali offerta tkun giet rifjutata. Ir-rikorrenti, inoltre, jissottomettu li l-imsemmi intimat beda il-proceduri rilevanti quddiem il-Bord kompetenti, biss wara li gie ordnat jghamel hekk minn Qorti kompetenti;

"In konnessjoni ma dan **it-tieni ilment** tar-rikorrenti, l-intimati rrispondew billi ghamlu referenza ghall-artikolu 47(9) ta' l-istess Kostituzzjoni. Dan l-ahhar artikolu b'referenza ghall-imsemmi artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni u li l-provedimenti tieghu r-rikorrenti jpoggu fil-bazi ta' dan l-ilment taghhom. L-imsemmi artikolu 47(9) jipprovdi li ebda haga imsemmija fl-imsemmi artikolu 37 ma ghandha tolqot il-hdim ta xi ligi gia fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962. Ghalhekk skond l-intimati a bazi ta' dan l-artikolu, l-provedimenti tal-Kapitolu 88 huma esentati mill-operat tal-imsemmi artikolu 37 peress li dan kien fis-sehh qabel l-imsemmija data. Inoltre r-rikorrenti [recte: intimati] jissottomettu li, fi kwalunkwe kaz, hawnhekk si tratta ta' obbligazzjoni minghajr terminu u ghalhekk minn issubixxa l-espropju ta' xi proprjeta jista jitlob il-Qorti biex jigi ffissat tali terminu, kif in effett ghamlu l-atturi;

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"It-tieni lment tar-rikorrenti jimmerita li jigi esaminat akkuratament u b'mod approfondit. Hu minnu li r-rikorrenti kienu mcahda ghal hafna snin milli jaccedu quddiem l-awtirita' gudizzjarja, jew ahjar quddiem il-Bord komptetenti, sabiex principalment jigi ffissat il-kumpens xieraq. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti qed jibbazaw l-ilment relattiv taghhom fuq il-provedimenti tal-artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li kull persuna li tkun issubiet espropju tal-proprjeta taghha ghandha jkollha access lil qorti jew tribunal kompetenti sabiex, fost affarijiet ohra, jigi deciz l-ammont tal-kumpens dovut u sabiex l-istess persuna tikseb il-hlas effettiv tal-istess kumpens. In effett sa ftit taz-zmien ilu, pero` zgur li mhux qabel inbdew dawn il-presenti proceduri, l-persuna li tkun ssubiet tali l-espropju skond il-ligi, cioe l-Kapitolu 88, ma kellha ebda access dirett ghall-Bord tal-Arbitragg dwar l-artijiet, li huwa l-Bord kompetenti biex jiddeciedi l-imsemmija kwestjonijiet. Kellu biss access dirett il-Kummisarju tal-Art u hu biss seta' jintavola proceduri quddiem il-Bord ghad-determinazzjoni tal-imsemmija kwestjonijiet. Fil kaz in esami l-Kummissarju tal-Art kien qed jirrifjuta li jibda tali

proceduri, u intavolhom biss wara li gie hekk ordnat li jghamel mill-Qorti kompetenti;

“Ghalhekk ghal ghexieren ta’ snin ir-rikorrenti ma kellhomx access dirett ghall-awtorita` gudizzjarja kompetenti. Ir-rikorrenti nghataw biss access indirett meta finalment, fuq ordni tal-Qorti, l-intimat Kummissarju tal-Art beda l-proceduri rilevanti quddiem il-Bord;

“In konnessjoni ma din is-sottomissjoni tar-rikorrenti, l-intimati jghamlu referenza ghal-provedimenti tal-artikolu 47(9) ta’ l-istess Kostituzzjoni. Skond l-intimati, dan l-ahhar imsemmi artikolu, jrendi l-provediment tal-artikolu 37 inapplikabbli ghal kull ligi li kienet gia fis-sehh minnufih qabel it-3 ta’ Marzu 1962. Il-provedimenti tal-Kapitolu 88 kienu gia fis-sehh qabel l-imsemmija data u kwindi, skond l-intimati, l-artikolu 37(1)(b), kwotat mir-rikorrenti, ma japplikax ghal Kapitolu 88;

“Fl-opinjoni tal-Qorti l-imsemmija provedimenti tal-artikolu 47(9) gandhom jigu esaminati fimkien mas-sub-artiklu (d) tal-istess artikolu. L-artikolu 47(9)(d) jistipulaw testwalment is-segwenti – “Ebda haga fl-artikolu 37 ta’ din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta’ xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta’ Marzu 1962 jew xi ligi mghamula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li minn zmien ghal zmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f’dan is-subartikolu) u li ma ….. tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa imsemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (c) tal-artikolu 37(1) ta’ din il-Kostituzzjoni.” L-intimati jsostnu li l-imsemmija eccezzjoni tapplika biss ghal xi emenda ghal-ligi li kienet issehh qabel l-imsemmija data, u liema emenda giet fis-sehh wara l-istess data. Ir-rikorrenti jargumentaw li l-eccezzjoni tirrigwarda biss l-applikabilita` tal-paragrafi (b) u (c) tal-imsemmi artikolu 37(1) u, skond huma, d-drittijiet enunzjati fl-istess paragrafi (b) u (c) huma protetti mill-Kostituzzjoni anke jekk il-ligi relattiva (Kapitolu 88) kienet fis-sehh qabel l-imsemmija data;

"Il-Qorti esaminat bir-reqqa l-imsemmija provedimenti kif riportati aktar il-fuq fil-presenti sentenza. Il-Kapitolu 88 ilu fis-sehh minn hafna snin qabel id-data indikata fl-istess artikolu. Inoltre mill-istess data sallum ghaddew ukoll hafna snin. Il-Qorti ma tistax tifhem kif jista jinghad li, f'kazijiet ta' esprprjazzjoni ta' proprjeta, il-Kostituzzjoni ma tipproteggix id-dritt tas-sid esprorjat li jaccedi ghall-awtorita' gudizzjarja kompetenti. Skond l-intimati jekk issir xi emenda ghall-artikolu in kwestjoni, l-Kostituzzjoni tipprotegi tali emenda, izda fl-istess hin id-dritt per se li jinghata fl-istess artikolu mhux protett. Dan hu ghal kollox illogiku. Hu iktar logiku li l-artikolu in kwestjoni jigi interpretat fis-sens li d-dritt mghoti bl-artikolu 37(1)(b) hu protett bil-Kostituzzjoni u l-provedimenti tal-istess artikolu 47(9) mhux applikabbli ghall-imsemmi artikolu. In oltre ir-rikorrenti, meta giet espproprijata l-art taghhom kellhom dritt jew ahjar aspettattiva legittima li jigu kkumpensati ghat-tehid forzat ta' l-art u li jaccedu ghall-Qorti kompetenti sabiex jigu decizi il-kwistjonijiet kollha relattivi, inkluz l-ammont ta' kumpens, u dana kif gie diversi drabi deciz mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (vide sentenza fl-ismijiet The Pine Valley Development versus Ireland deciza fid-29 ta' Novembru, 1991);

"Del resto l-artikoli 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-artikolu 6(1) ta-Konvenzjoni kif ukoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprotegu d-dritt tat-tgawdija pacifika tal-proprjeta privata minn naha tas-sid u inoltre jghatu access lill-stess sid ghall-awtorita' gudizzjarja meta iridu jigu determinati kwestjonijiet civili bhal fil-kaz in esami;

"Ghalhekk is-sottomissjoni tal-intimati mhux sostenibbli. Kwindi din l-eccezzjoni tal-intimati ma tistax tigi akkolta, filwaqt li s-sottomissjoni relarriva tar-rikorrenti timmerita li tigi akkolta;

"Hu minnu li l-ligi stess (Kapitolu 88) tghati d-dritt lis-sid li jkun ssubixxa l-espropju li jitlob lil-Qorti kompetenti (Prim'Awla tal-Qorti Civili) sabiex tiffissa terminu sabiex l-imsemmi intimat jipprocedi quddiem il-Bord kompetenti. Dan, pero`, ma jbiddel xejn mill fatt li hu principalment id-dover tal-imsemmi intimat li jipprecedi, kemm jista jkun

malajr, quddiem il-Bord. Is-sid jew sidien tal-art m'ghandhom ebda obbligu, la morali u lanqas legali, li b'xi mod jagevolaw lill-istess intimat fil-qadi ta' l-imsemmi dmir tieghu. Din il-Qorti stess, fis-sede taghha civili u diversament presjeduta, qalet li jekk l-imsemmi intimat ghandu problema dwar xi sidien li jkun injoti jew incerti, l-istess intimat jista xorta wahda jipprocedi bil-hatra ta' kuraturi. Dan hu ukoll stipulat fil-Kapitolu 88, b'mod partikolari, fl-artikolu 10 tal-istess Kapitolu 88;

"Gia gie rilevat li l-intimat Kummissarju tal-Art, f'kazijiet bhal dawn ghandu jagixxi b'mod ragjonevoli, spedit u b'mod li jnaqqas kemm jista jkun il-pregudizzju ghas-sid. L-istess intimat ghandu ufficju shih a disposizzjoni tieghu u ghalhekk m'ghandux ikun difficli ghalih li jorganizza ruhu b'tali mod li jista jistabilixxi minn in effett huma s-sidien ta xi immobbli li gie esproprjat. Hu minnu li hafna drabi hemm hafna ricerki li jridu jsiru u hafna problemi li jridu jigu risolti. Pero` l-imsemmi intimate Kummissarju tal-Art ghandu jassigura li hu jkun f'posizzjoni li jghamel ir-ricerki relattivi, li jgheleb il-problemi li jistghu jinqalghu u li jlehhaq max-xoghol kollu. Lanqas ghandu jkun hemm dewmien esagerat biex isir il-kuntratt u jinghata l-kumpens kif miftiehem jew kif stabbilit mill-Bord;

"Fl-opinjoni tal-Bord ikun hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tas-sid bis-semplici fatt li l-istess sid ma jkollux access ghall-awtorita kompetenti. Iz-zmien li fih din is-sitwazzjoni tibqa issehh hu in effett irrilevanti u immaterjali. It-tul ta' zmien kemm iddum l-istess sitwazzjoni jista jigi konsidrat ghar-rigward tar-rimedju li ghandu jinghata lis-sid. Hawnhekk il-ligi stess kienet tipprojbixxi l-access, ghall-awtorita gudizzjarja da parti tas-sid u dan ghal hafna snin. Inoltre l-intimat Kummissarju tal-Art kien qed jirrifjuta li jagixxi quddiem il-Bord, kif kellu jghamel skond il-ligi. Kwindi d-drittijiet tar-rikorrenti kienu qed jigu ulterjorment lezi. Ma hemm l-ebda obbligu li r-rikorrenti jagixxu quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jigi ffissat terminu lill-istess intimat biex jagixxi quddiem il-Bord. Ir-rikorrenti setghu jirrikorru ghal dawn il-proceduri biss jekk hekk xtaqu. Inoltre ghandu jigi ukoll sottolineat li r-rikorrenti kellhom kull jedd li jirrifjutaw il-kumpens offert;

“Ghalhekk jirrizulta li kien hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti li jkollhom access ghall-awtorita’ gudizzjarja kompetenti. Il-Qorti thoss li, f’dawn ic-cirkostanzi, l-ahjar rimedju li jista jinghata lir-rikorrenti hu li l-intimati jhallsu kumpens pekunjarju lill-istess rikorrenti. Fil-kalkolu ta’ kemm ghandu jkun l-ammont ta’ dan il-kumpens ghandu jigi kunsidrat it-tul ta zmien li fih ir-rikorrenti ma kellhomx access ghall-awtorita gudizzjarja kompetenti, kif ukoll fatti ohra li huma rilevanti. Kif gia nghad il-ligi stess ma kinitx tipprovdi ghal tali access. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha u fatturi kollha li huma rilevanti f’dan ir-rigward, fl-opinjoni tal-Qorti tali kumpens ghandu jkun ta’ mitt elf euro (€100000);

**“Nuqqas ta’ Smigh Xieraq fi Zmien Ragonevoli**

“Ir-rikorrenti jkomplu jissottmettu li l-istess intimat Kummissarju tal-Artijiet beda l-imsemmija proceduri quddiem il-Bord, kontra sidien li kien jaf li kienu mejtin u dan il-fatt wassal biex ikun hemm dewmin inutili f’dawk l-istess proceduri. Dan ukoll iwassal ghat-**tielet u r-raba ilment** tar-rikorenti li huma fis-sens li ma giex assikurat lilhom smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Hawnhekk ir-referenza hi ghall-arikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dawn iz-zewg artikoli, t-tnejn jipprovdu, fost affarijiet ohra, li fid-determinazzjoni ta’ drittijiet u obbligi ta’ natura civili, kullhadd ghandu l-jedd li dawn jigu determinati minn qorti indipendenti w imparzjali u li tkun imwaqqfa minn ligi. Inoltre kullhadd ghandu dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti jilmentaw li ghaddew aktar minn tletin sena minn meta giet pubblikata d-dikjarazzjoni in kwestjoni sakemm inbdew mill-intimat l-imsemmija proceduri quddiem il-Bord. Inoltre, skond ir-rikorrenti, jidher li l-imsemmija proceduri quddiem il-Bord mhux ser jigu finalizzati fi zmien ragjonevoli;

“F’dan ir-rigward, cioe` ghar-rigward **tat-tielet u raba ilment** tar rikorrenti**,** l-intimati jaghmlu referenza ghall-artikolu 7 tal-Att XIV tal-1987 li jipprovdi li ebda ksur ta xi dritt fundamentali taghha allegat minn xi persuna u li kien

imwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma jaghti lok ghal xi azzjoni. Skond l-intimati dan ifisser li dak kollu li seta sar bejn il-1969 u April 1987 mhux diskutibbli taht il-provedimenti tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319). Barra minn hekk l-intimati jergghu jirribadixxu li l-intimat dejjem setghu jirrikorru ghall-Qorti kompetenti biex jigi ffissat terminu li fih l-intimat Kummissarju tal-Artijiet kellu jipprocedi quddiem il-Bord kompetenti. Ir-rikorrenti rrikorrew ghall-imsemmija procedura biss fil-1996. Skond l-intimati r-rikorrenti kienu naqsu li jippruvaw it-titolu tahhom ghar-rigward tal-bictejn art in kwestjoni u dan il-fatt kien li wassal ghal dewmien. L-intimati donnhom jammettu li r-rikorrenti ma kellhomx l-obbligu li jikkooperaw mal-imsemmi intimat fil-proceduri kollha involuti f'dan l-espropju. Pero`, skond l-intimati, dan ma jfissirx li r-rikorrenti jistghu jghamlu hekk impunement;

"Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghu jilmentaw dwar dewmien jekk huma hallew lill-istess intimat Kummissarju tal-Artijiet jintilef f'hafna proceduri u ricerki biex principalment jigi stabbilit minn kienu effettivament is-sidien tal-bictejn art in kwestjoni. F'dan ir-rigward l-intmati jghamlu referenza ghall-fatt li fil-1995 id-Dipartiment tal-Artijiet kien avza pubblikament li kienet qed tinghata l-opportunita li kull minn kien interessat li jinkariga avukat ta' fiducja tieghu biex jghin biex tigi stabbilta l-provenjenza ta' proprjeta` esproprijata u dan a spejjez tal-istess Dipartiment. Ir-rikorrenti naqsu li jusufruwixxu minn tali opportunita`. Dan kollu hu indikattiv li r-rikorrenti riedu jfixklu u jipprovokaw incidenti li setghu wasslu ghal dewmien. Barra minn hekk, skond l-intimati, l-proceduri quddiem il-Bord kompetenti ilhom pendenti ftit snin u inoltre dawn l-istess proceduri qed jinstemghu attivament. In vista ta' dan kollu, skond l-intimati, ma tirrizultax il-vjolazzjoni li qed jilmentaw minna r-rikorrenti;

**"Konsiderazzjoniiet tal-Qorti**

"Ghar-rigward ta' dan l-iment dwar smiegh xieraq fi "zmien ragjonevoli", ir-rikorrenti jghamlu zewg sottomissjonijiet. L-ewwel wahda tirreferi ghal fatt li l-intimat Kummissarju tal-Art ha hafna zmien biex jibda l-proceduri quddiem il-Bord

kompetenti. Inoltre l-istess intimat beda dawn il-proceduri wara li l-Qorti Civili ffissatlu terminu li fih huwa kellu jagixxi quddiem l-imsemmi Bord. Skond ir-rikorrenti dan wassal biex ikun hemm dewmien inutli ghal dak li jirrigwarda l-proceduri quddiem il-Bord. Dan il-fatt gia gie trattat "in estenso" in konnessjoni mal-ilment precedenti tar-rikorrenti. Barra minn hekk l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li qed jinvokaw, f'dan ir-rigward, a favur tagghhom ir-rikorrenti jirreferu ghal proceduri li jkunu gia nbdew quddiem l-awtorita' gudizzjarja kometenti u li jiehdu zmien irragjonevoli biex jigu decizi finalment. Ghalhekk l-imsemmija artikoli mhux applikabbli ghal fatti li ghalihom jghamlu referenza r-rikorrenti;

"In effett dawn l-ilmenti tar-rikorrenti huma bbazati fuq il-provedimenti tal-arikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. It-tieni sottomissjoni li jghamlu r-rikorrenti tirrigwarda l-fatt li l-istess intimat Kummissarju tal-Artijiet meta beda l-imsemmija proceduri quddiem il-Bord, harrek sidien, li kien jaf li kienu mejtin. Dan wassal biex ikun hemm dewmin inutili f'dawk l-istess proceduri. Inoltre, skond ir-rikorrenti, hemm indikazzjonijiet li l-istess proceduri quddiem il-Bord mhux ser jigu finalizzati fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti, sabiex jigi determinat jekk dan l-iment huwiex fondat jew le, ma tistax timxi biss fuq dak li r-rikorrenti jsejjhu bhala "indikazzjonijiet." Semmai iridu isiru provi f'dan ir-rigward u f'dan il-kaz u f'dan ir-rigward ma saru l-ebda provi. Sabiex jigi determinat jekk il-proceduri in kwestjoni hadux "zmien ragjonevoli", l-istess proceduri jridu jkunu gia decizi b'mod finali u ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni dak kollu li jista jkun rilevanti. In effett jidher li il-proceduri in kwestjoni ghadhom pendenti quddiem il-Bord. Dan jista jkun dovut ukoll peress li r-rikorrenti bdew il-presenti proceduri;

"Biex jigi deciz jekk iz-zmien kienx "ragjonevoli" jew le, l-proceduri relattivi jridu jkunu gia decizi. Ghallhekk ir-rikorrenti jistghu jilmentaw kostituzzjonalment li kien hemm dewmien irragjonevoli fid-determinazzjoni tal-proceduri, wara li l-proceduri relattivi quddiem il-Bord kompetenti jigu decizi finalment;

“In vista ta’ dan kollu dan l-ilment tar-rikorrenti ma jirrizultax pruvat u ghalhekk ma tirrizultax vjolazzjoni tal-imsemmija artikoli in kwestjoni;

**“Nuqqas ta’ Indipendenza u Imparzjalita’ tal-Bord ta’ l-Arbitragg**

**“Il-hames ilment** tar-rikorrenti jirrigwarda dak li skond huma hu nuqqas ta’ indipendenza u imparzjalita’ tal-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet liema dritt hu sancit bl-imsemmija artkoli 37(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Skond ir-rikorrenti l-membri tal-Bord ma jgawdux mill- indipendenza u imparzjalita’ li huma garantiti bl-imsemmija artikoli, u dana b’mod partikolari l-membri teknici tal-Bord, liema membri teknici ma jgawdux is-sigurta` tal-uffucju taghhom, billi dawn jigu nominati mill-awtoritajiet kompetenti u jistghu facilment jitnehhew mill-istess awtoritajiet jew l-inkariku taghhom ma jigix konfermat;

“Dwar dan il-**hames ilment** l-intimati jirrilevaw li r-rikorrenti setghu jirrekuzaw il-membri teknici tal-Bord jekk skond ir-rikorrenti dawn ma jgawdux l-indipendenza u l-imparzjalita’ li trid il-ligi. L-intimati ssollevaw ukoll li l-Bord in kwestjoni hu mwaqqaf b’ligi u inoltre ma jiehu ordnijiet minn ghand hadd u ghalhekk hu indipendenti. L-istess membri tal-Bord ghandhom l-obbligu tal-imparzjalita`. Il-Bord hu presjedut minn gudikant li zgur igawdi l-protezzjoni mghotija fil-Kostituzzjoni. Skond il-provedimenti tal-artikolu 24(3) tal-Kap 88 il-membri teknici tal-Bord igawdu s-‘security of tenure’ghall-perjodu tal-hatra taghhom. Inoltre l-Bord jiffissa biss l-ammont ta’ kumpens u dan ma jammontax ghad-“determinazzjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili.”

**“Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-membri teknici tal-Bord hu jissottomettu li dawn ma jgawdux mill-imparzjalita` u indipenza li huma garantiti bl-artikoli 37(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Skond ir-rikorrenti l-imsemmija

membri teknici ma jgawdux is-sigurta` tal-uffucju taghhom billi huma jigu nominati mill-awtoritajiet kompetenti, li facilment ma jikonfermawx l-istess membri teknici minghajr ma jghatu ebda raguni. Skond ir-rikorrenti dan inaqqas l-indipendenza u l-imparzjalita', li trid i-ligi, ghar-rigward tal-membri teknici, li ukoll qed jiddeciedu kwestjonijiet li jirrigwardaw direttament il-Gvern. Inoltre jista jkun li l-istess membri teknici joqodu attenti li ma jurtawx l-istess Gvern;

"Dan l-argument seta' kien validu qabel ma saru xi emendi fil-Kapitolu 88. Illum ma jistax jinghad li ghad hemm "membri teknici tal-Bord." Skond il-ligi, korrentement in vigore, il-Bord hu mghamul minn "chairman" li ghandu ikun jew Magistrat jew Imhallef, anke jekk ikunu irtirati (artikolu 23(2) tal-Kapitolu88). Inoltre ghandu ikun hemm lista ta' periti (artikolu 23(4) tal-istess Kapitolu) li minnha c-"chairman" jista jghazel, ghal kull kaz speciku u jekk jidhirlu li hu hekk opportun u meta jkun hemm kwestjoni ta' valutazzjoni u teknika, zewg periti mill-imsemmija lista sabiex dawn jghatu pariri lill-Bord dwar l-istess kwestjonijiet teknici - vide artikoli 25(3) u (4). Fi kwalunkwe kaz id-decizjoni finali tispetta lill-Bord, fil-prattika c-"chairman" tal-Bord, li, kif gia gie rilevat, skond il-ligi, ghandu ikun gudikant, li zgur igawdi l-protezzjoni mghotija fil-Kostituzzjoni. Kwindi illum ma jistax jinghad li hemm membru tekniku ta-Bord. Jesistu biss nomini ta' periti bhal nomini ta' periti teknici. Il-partijiet jistghu dejjem, ghar-ragunijiet validi u skond il-ligi, joggezzjonaw je jirrekuzaw il-periti nominati, jew wiehed biss mill-istess perit;

"Mhux sostenibbli s-sottomissjoni tal-intimati li l-Bord jiffissa biss l-ammont ta' kumpens u dan ma jammontax ghad-"determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili." Ma hemmx dubju li dak li jiddeciedi il-Bord huma kwestjonijiet li jinvolvu drittijiet u obbligi ta' natura civili;

"Fid-dawl tal-premess dawn l-ilmenti tar-rikorrenti ma jimmeritawx li jigu akkolti;

**"Vjolazzjoni tad-Dritt ghal Kumpens li jkun Xieraq**

**“Is-sitt ilment** tar-rikorrenti jirreferi ghall-dak li rikorrenti jsejjhu bhala vjolazzjoni tad-dritt ghal kumpens xieraq. Huma jsostnu li d-decizjoni tal-Bord kompetenti dwar il-kumpens trid tittiehed skond il-parametri li huma dettati mill-ligi u b’mod partikolari li tali kumpens ghandu jirreferi ghaz-zmien meta sar l-espropju u cioe’ meta l-artijiet in kwestjoni ma setghux jigi zviluppati u kienu “frozen.” F’dan ir-rigward ir-rikorrenti jsostnu li l-Gvern qabel, ma esproprja, kien assikura ruhu li ma jsir l-ebda zvilupp fl-artijiet in kwistjoni. Ghalhekk l-esercizzju li jrid jghamel il-Bord gie kondizzjonat bl-agir tal-istess Gvern. Dan kollu jimpedixxi li jigi stabbilit realistikament il-valur oggettiv ta’ l-artijiet in kwestjoni ukoll fi zmien id-dikjarazzjonijiet relattivi. Ir-rikorrenti jissottomettu ukoll li l-Kostituzzjoni tipprovdi li “f’kazijiet specjali” il-legislatur jista jistabbilixxi l-parametri biex jigi stabbilit il-kumpens. Ir-rikorrenti jissottomettu li il-presenti kaz mhux wiehed “specjali” u ghalhekk ghandhom japplikaw il-kriterji generali. Il-fatt per se li l-kumpens ghandu jirreferi ghaz-zmien meta saret id-dikjarazzjoni tat-tehid tal-art hu lesiv tad-drittijiet fundamentali taghhom u dan billi skond ir-rikorrenti l-kriterji ghandhom jirreferu ghaz-zmien meta jigi deciz l-ammont tal-kumpens u dan ukoll peress, dejjem skond ir-rikorrenti, l-esprpju ghadu ma giex finalizzat;

“Ir-rikorrenti jissottomettu li oltre l-imsemmi kumpens ghandu jinghata kumpens ulterjuri relatat ghaz-zmien kemm damu okkupati l-artijiet sa meta jigi stabbilit il-kumpens dovut. In alternattiva r-rikorrenti ghandhom jigu kkumpensati ghad-dewmien tal-process ta’ espropju billi jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi bhal l-izvalutazzjoni u l-inflazzjoni tul iz-zmien. Jista ukoll jigi akkordat lir-rikorrenti mghax akbar minn dak lit rid il-ligi. Fl-istess hin ir-rikorrenti jammettu li dan kollu mhux possibbli u dan il-fatt jammonta ghall-illegalita’ tal-esproprju u fin-nullita’ legali ta’ tal-istess esproprju;

“L-intimati, ghr-rigward ta’ dan **is-sitt ilment**, jirrilevaw li il-bicctejn art gew esproprijati fil-1969 u dan fl-istat u fic-cirkostanzi li kienu fihom fl-istess zmien. Hu minnu li sar ‘freezing’ ghar-rigward tal-izvilupp taz-zona in kwestjoni.

Din kienet mizura legali ta' kontroll ta' uzu ta' proprjeta fl--interess pubbliku u l-Gvern kellu kull dritt li jaghmel hekk biex eventwalment iz-zona tigi zviluppata f'Port Hieles u dan fuq medda ta' snin. Skond l-intimati l-kumpens offert hu giust u xieraq tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Mhux logiku li r-rikorrenti jgawdu minn awment fil-valur tal-proprjeta li seta sehh wara t-tehid tal-proprjeta. Inoltre jekk kien hemm awment fil-valur dan kien ukoll dovut ghall-investiment kbir li sar mill-Gvern. Dak li jsostnu r-rikorrenti f'dan ir-rigward jikkontradixxi l-pretensjoni tal-istess rikorrenti li t-tehid in kwestjoni jivvjola d-drittijiet fondamentali taghhom. Inltre, skond l-intimati, l-Kap 88 jipprovdi ghall-hlas ta' 'danni' kalkolati bil-hamsa fil-mija fis-sena fuq il-valur stabbilit, mid-data tal-espropju sad data tal-hlas tal-kumpens;

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Dan l-ilment jirrigwarda d-dritt, li r-rikorrenti jsejjhu bhala "dritt ghal kumpens xieraq." Ir-rikorrenti jghamlu diversi sottomissjonijiet dwar l-artikoli tal-Kapitolu 88 li jirregolaw kif ghandu jigi likwidat il-kumpens gust. Huma jilmentaw l-aktar dwar li fl-imsemmija ligi hemm provdut li tali kumpens ghandu jirreferi ghaz-zmien meta sar l-espropju. Ir-rikorrenti jirreferu ghal fatt li dak iz-zmien l-artijiet in kwestjoni ma setghux jigi zviluppati u dan skond l-ordni tal-Gvern, li fl-opinjoni tar-rikorrenti, qabel ma sar esproprja, assikura li ma jsir l-ebda zvilupp fl-artijiet in kwistjoni. Kwindi dejjem skond ir-rikorrenti l-Gvern bl-agir tieghu mill-ewwel ikkondizzjona d-decizjoni tal-Bord f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok jigi rilevat li ma hemm xejn li l-Bord jikkonsidra dawn il-fatti jekk dawn l-istess fatti jirrizultawlu. Xejn ma jimpedixxi li l-kumpens jigi stabbilit realistikament b'mod oggettiv u bl-applikazzjoni ta' kriterji normali;

"Inoltre f'dan l-istadju ma jistax jinghad, f'dan ir-rigward, li b'xi mod gew lezi d-drittijiet fundamentali jekk in effett il-kumpens xieraq ghadu ma giex stabblilit mill-Bord kompetenti. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tghati pariri lill-Bord ta' kif ghandu jigi stabbilit il-kumpens. Dik id-decizjoni tispetta biss lill-Bord;

"Wara li l-Bord jistabilixxi tali kumpens, hu hemmhekk li r-rikorrenti, jekk ihossu li b'dik id-decizjoni gew lesi xi drittijiet fundamentali taghhom, jistghu jagixxu sabiex jinghata lilhom ir-rimedju opportun. Din il-Qorti m'ghandiex dubju li l-Bord ser jikkonsidra dak kollu li hu rilevanti sabiex jasal ghad-decizjonijiet tieghu. Ma hemmx dubju ukoll li l-istess Bord ser jikkonsudra it-trapass taz-zmien minn meta giet pubblikata d-dikjarazzjoni in kwestjoni. Jigi ukoll putwalizzat li r-rikorrenti mhux qed jattakaw bhala mhux kostituzzjonali il-provedimenti relattivi tal-ligi rilevanti. Ghalhekk ma hemm xejn irregolari jew illegali ghal dak li jirrigwarda l-espropju in kwestjoni.

**"Konkluzjonijiet tal-Qorti**

"Bhala konkluzjoni jinghad li l-atti tal-kawza gew ceduti fil-konfront tal-intimati Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni ta-Gudizzju u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront biss tal-istess intimati. Ghandha tigi akkolta t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati u kwindi l-intimat Onor. Ministra tal-Gustzzja u Gvern lokali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Ghandu jigi deciz ghar-rigward tal-ilmenti kollha tar-rikorrenti u dwar s-sottomissjonijiet relattivi tal-intimati billi jigi dikjarat li tirrizulta lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti pero` limitatament ghad-dritt ta' access lill-awtorita' gudizzjarja kompetenti f'kazjiet ta' espropju. Ghalhekk il-pretensjonijiet l-ohra kollha tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu rigettati kif trid tigi rigettata l-eccezzjoni tal-intimati biss ghar-rigward tas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti li jirrigwardaw l-imsemmija lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti li tirrizulta pruvata;

"Ir-remedju li ghandu jinghata ghall-imsemmija lezjoni ghandu jkun fil-forma ta' hlas ta' kumpens pekunjarju mill-intimati lir-rikorrenti. Tali kumpens ghadu ikun ta' mitt elf euro (€100000);"

**<u>L-appelli tal-partijiet</u>**

**10.** Ir-rikorrenti u l-intimati Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali appellaw minn din is-sentenza.

**11.** L-aggravji ta' l-intimati appellanti kollha jirrigwardaw l-ilment dwar nuqqas ta' dritt ta' access quddiem awtorita` gudizzjarja (proprjament "gudikanti"), u dawn l-aggravji jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi l-ewwel Qorti kienet skorretta fil-konkluzjoni taghha illi l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ma kienx jezenta mill-operat ta' l-Artikolu 37 l-Att dwar Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) kif kien fis-sehh fit-3 ta' Marzu 1962; konsegwentement, l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkunsidra l-ilmenti tar-rikorrenti abbazi ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u kellha tichad l-ilment f'dan ir-rigward;
2. illi minghajr pregudizzju ghal dan, l-ilment huwa wiehed infondat ghax meta jkun hemm obbligazzjoni minghajr terminu, min ikun qieghed jippretendi l-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jista' jaccedi quddiem il-Qrati ghall-fissazzjoni ta' dak it-terminu kif ir-rikorrenti eventwalment ghamlu;
3. illi minghajr pregudizzju ghal dan kollu, il-kumpens li nghata mill-ewwel Qorti ta' €100,000 huwa bla bazi u huwa wiehed eccessiv;
4. illi, skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, d-dritt ghal access ghal Qrati m'huwiex dritt assolut u dan id-dritt huwa wiehed li jista' jigi assoggettat ghal certi modalitajiet u limitazzjonijiet f'sitwazzjonijiet fejn dan ikun oggettivament gustifikabbli;

**12.** Safejn setghet tifhem din il-Qorti mir-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti, l-aggravji taghhom jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi ghalkemm ma hemm ebda dubbju li l-iskop originali ta' l-esproprju kien ta' natura pubblika, tenut kont tal-mentalita` "statalista" prevalenti fiz-zmien taghha, madanakollu, il-fatt illi l-parti l-kbira ta' l-artijiet mertu ta' dan ir-rikors baqghet qatt ma ntuzat ghal ghexieren ta' snin u l-fatt illi l-proceduri ta' esproprju ghadhom ma gewx konkluzi, jintitola lir-rikorrenti ghar-restituzzjoni ta' l-istess;

2. galadarba parti mill-artijiet li gew zviluppati gew mikrija lil terzi fis-settur privat, m'ghadux gustifikabbli fl-interess pubbliku li l-esproprju jigi konkluz fit-termini originali tieghu, u l-art tista' tigi restitwita lis-sidien taghha kif soggetta ghall-kirja prezenti, versu hlas tal-kera li jkun proporzjonat ghall-valur attwali ta' l-art, eskluzi l-benefikati, kif jikkontempla l-istess Kap. 88;

3. dwar in-nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli (artikoli 37(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni w artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea), l-ewwel Qorti kienet skorretta meta in parti accettat tali nuqqas imma attribwietu ghan-nuqqas ta' access ghat-tribunal kompetenti, u in parti cahditu in kwantu l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg ghadhom pendenti;

4. illi ghalkemm huwa minnu li l-gudikant assenjat ghall-Bord ta' l-Arbitragg huwa membru tal-gudikatura li jgawdi indipendenza w imparzjalita` pjena, madanakollu l-membri teknici tal-Bord (li effettivament f'kaz ta' qbil bejniethom jillikwidaw wahedhom il-*quantum* dovut) jintghazlu esklussivament mill-Gvern innifsu u l-gudikant jista' biss jaghzel mil-lista provduta lilu; in oltre, il-mod kif dawn il-membri teknici jigu mahtura jimmina s-*security of tenure* taghhom;

5. illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ghazlet li ma tissindikax f'dan l-istadju l-*quantum* li jista' jigi eventwalment likwidat mill-Bord ta' l-Arbitragg billi l-proceduri ghadhom pendenti;

**13.** Din il-Qorti ser tikkunsidra l-ewwel l-aggravji ta' l-intimati, u wara tghaddi biex tikkunsidra dawk tar-rikorrenti.

**<u>L-ewwel aggravju ta' l-intimati appellanti</u>**

**14.** Kif diga` inghad, l-aggravji ta' l-intimati appellanti kollha jirrigwardaw l-ilment dwar nuqqas ta' dritt ta' access quddiem awtorita` gudizzjarja. Fl-ewwel aggravju taghhom, l-intimati appellanti jissottomettu illi l-ewwel

Qorti kienet skorretta fil-konkluzjoni taghha illi l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ma kienx jezenta mill-operat ta' l-Artikolu 37 l-Att dwar Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) kif kien fis-sehh fit-3 ta' Marzu 1962. Konsegwentement, l-ewwel Qorti ma kellhiex, skond huma, tikkunsidra l-ilment tar-rikorrenti abbazi ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u kellha tichad l-ilment.

**15.** Fil-proceduri in prim istanza, ir-rikorrenti bbazaw l-ilment taghhom dwar ksur tad-dritt ta' access quddiem awtorita` gudizzjarja esklussivament fuq id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Dan l-ewwel subinciz ta' dan l-Artikolu jippreskrivi *inter alia* illi:

**"Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist -**
**(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;**
**(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u**
**(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta: ... ..."**

**16.** L-Artikolu 47(9), invokat mill-intimati appellanti, jippreskrivi illi:

**"Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li minn zmien ghal zmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma -**

**(a) izzidx max-xorta ta’ proprjetà li jista’ jittiehed pussess taghha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà li jistghu jigu miksuba;**
**(b) izzidx mal-finijiet li ghalihom jew cirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista’ jittiehed pussess taghha jew tigi miksuba;**
**(c) taghmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt ghal kumpens jew l-ammont tieghu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew**
**(d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (c) ta’ l-artikolu 37(1) ta’ din il-Kostituzzjoni.”**

**17.** Issa, huwa pacifiku li l-Kapitolu 88 ilu fis-sehh minn hafna snin qabel it-3 ta’ Marzu 1962. L-intimati appellanti qeghdin jissottomettu illi l-paragrafu (d) ta’ l-Artikolu 49(7) japplika biss ghall-hdim ta’ xi ligi maghmula wara d-data tat-3 ta’ Marzu 1962. Min-naha l-ohra ir-rikorrenti appellati qeghdin jissottomettu li l-Artikolu 47(9) ghandu jigi interpretat fis-sens li dan l-paragrafu (d) tieghu jikkwalifika u huwa applikabbli anki ghal xi ligi li tkun fis-sehh qabel it-3 ta’ Marzu 1962. L-ewwel Qorti qablet ma’ l-interpretazzjoni tar-rikorrenti w irriteniet illi hu iktar logiku li l-artikolu in kwistjoni jigi interpretat fis-sens li d-dritt moghti bl-Artikolu 37(1)(b) hu protett bil-Kostituzzjoni u l-provvedimenti ta’ l-istess Artikolu 47(9) mhux applikabbli ghall-imsemmi artikolu.

**18.** Bid-dovut rigward lejn dik il-Qorti, din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ din il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti. L-interpretazzjoni korretta ta’ l-Artikolu 47(9) hija li l-hdim ta’ xi ligi (“the operation of any law” fit-test ingliz) fis-sehh minnufih qabel it-3 ta’ Marzu 1962 ma tistax tkun anti-kostituzzjonali fis-sens li tippekka kontra l-Artikolu 37. L-istess jinghad ghal xi *“amending act”* jew *“substituting act”* maghmula f’dik id-data jew wara dik id-data purche` li tali att li hekk jemenda jew jissostitwixxi dik il-ligi ma jkunx jaghmel xi wahda mill-affarijiet imsemmija fil-paragrafi (a)

sa (d) ta’ l-imsemmi Artikolu 47(9)[6]. Ghalhekk il-paragrafi (a) sa (d) huma rilevanti biss fil-kuntest ta’ xi ligi li temenda jew li tissostitwixxi xi ligi fis-sehh qabel it-3 ta’ Marzu 1962. Ma hemmx dubju li l-Kap. 88 gie emendat wara din id-data, izda r-rikorrenti f’ebda hin ma ndikaw xi emenda li b’xi mod taqa’ taht xi wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) ta’ l-Artikolu 47(9). Ghalhekk l-unika konkluzjoni li wiehed jista’ jasal ghaliha hija li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 li tahtu saret l-ordni ta’ l-esproprjazzjoni *de quo* huma kollha salvati bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**19.** Ghaldaqstant, dan l-aggravju tal-Kummissarju ta’ l-Art u tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh. Pero`, naturalment, din il-Qorti trid tikkunsidra wkoll – kif ghamlet l-ewwel Qorti – jekk id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 jivvjolawx d-dritt ta’ access ghall-qrati kif protett taht il-Konvenzjoni Ewropea.

**It-tieni aggravju ta’ l-intimati appellanti**

**20.** L-intimati appellanti jissottomettu wkoll illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju taghhom, l-ilment tar-rikorrenti huwa wiehed infondat ghax meta jkun hemm obbligazzjoni minghajr terminu, min ikun qieghed jippretendi l-esekuzzjoni ta’ dik l-obbligazzjoni jista’ jaccedi quddiem il-Qrati ghall-fissazzjoni ta’ dak it-terminu kif, del resto, ir-rikorrenti eventwalment ghamlu.

**21.** In kwantu dan l-aggravju qieghed jigi sollevat biex jissottolinea li r-rikorrenti intimati kellhom rimedju ordinarju x’jezawrixxu qabel jallegaw ksur ta’ drittijiet fundamentali, jigi rilevat illi fil-fatt huwa pacifiku li r-rikorrenti utilizzaw dan ir-rimedju ordinarju fl-1996 – ghalkemm wiehed jista’, forsi, ighid li ghamlu hekk tardivament – u l-kawza giet deciza fl-4 ta’ Frar 2000. Fir-rigward tal-bicciet ta’ art *de quo*, il-Kummissarju appellant intavola l-proceduri necessarji quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg fit-18 ta’ April 2000, liema proceduri ghadhom pendenti. Ghalhekk, ma

[6] Ara fl-istess sens is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta’ April 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Pawlu Cachia et v. Avukat Generali et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta’ Dicembru 2001. Ma kien hemm l-ebda appell fuq dan il-punt.

hemm l-ebda kwistjoni li l-ewwel Qorti jew il-Qorti Kostituzzjonali ghandha tiddeklina li tezercita l-gurisdizzjoni taghha, ghax ir-rikorrenti appellati naqsu milli jezawrixxu dan ir-rimedju ordinarju, kif fil-fatt kien gie argumentat fil-kaz ta’ **Paul Fenech et v. Kummissarju ta’ l-Artijiet et** [7], ikkwotat mill-appellanti fir-rikors ta’ l-appell taghhom. Il-fattispecje fuq dan il-punt fil-kaz ta’ **Paul Fenech et** u dawk tal-kaz odjern huma totalment differenti, u wiehed jista’ jghid l-oppost ta’ xulxin.

**22.** In kwantu dan l-aggravju jincidi fuq il-meritu fis-sens li skond l-intimati appellanti l-access ghal qorti biex tiffissa terminu li fih il-Kummissarju appellat ghandu jagixxi jikkostitwixxi access ghal awtorita` gudikanti kif previst fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti ser titrattah flimkien mal-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-access ghal awtorita` gudikanti kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea.

**23.** Ghal ragunijiet ta’ logika, din il-Qorti se tittratta wkoll ir-raba’ aggravju ta’ l-intimati appellanti li appuntu jirreferi ghall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, qabel it-tielet aggravju li jittratta dwar il-kumpens moghti mill-ewwel Qorti.

**<u>Ir-raba’ aggravju ta’ l-intimati appellanti</u>**

**24.** F’dan l-aggravju, l-intimati appellanti jissottomettu illi skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea d-dritt ghal access ghal Qrati m’huwiex dritt assolut u dan id-dritt huwa wiehed li jista’ jigi assoggettat ghal certi modalitajiet u limitazzjonijiet f’sitwazzjonijiet fejn dan ikun oggettivament gustifikabbli. Huma jissottomettu illi d-diskrezzjoni li l-Kap. 88 jaghti lil-Ezekuttiv dwar meta jinbdew il-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet hija bilancjata mill-obbligu ta’ l-Ezekuttiv li jhallas l-imghax fil-kaz ta’ dewmien.

**25.** F’dan l-istadju huwa opportun li jigi spjegat kif kienet il-procedura li kienet tigi adoperata f’kazijiet simili ghal dak

[7] Deciz fl-20 ta’ Frar 2009 minn din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – kif komposta.

odjern. Skond il-ligi allura vigenti (qabel l-emendi introdotti bl-att XI ta' l-2002) wara l-hrug tad-Dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni, il-Kummissarju ta' l-Artijiet ried isegwi l-materja billi javza lis-sid permezz ta' avviz, maghruf bhala Avviz ghall-Ftehim, bil-htiega ta' l-esproprjazjzoni u jindika l-kumpens li jkun qed jigi offrut. Jekk is-sid ma jaqbilx ma' l-ammont tal-kumpens offrut, kellu javza b'dan lill-Kummissarju ta' l-Artijiet fi zmien 21 jum minn meta jircievi l-Avviz ghall-Ftehim. Meta l-Kummissarju jircievi dan l-avviz, kellu jibda' proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet biex dan il-Bord jiffissa l-kumpens li ghandu jithallas lis-sid. Wara d-decizjoni tal-Bord, ikun jista' jigi pubblikat il-kuntratt ta' trasferiment ta' l-art favur il-Gvern. Il-ligi ma kienet timponi ebda terminu fuq il-Kummissarju ta' l-Art entro liema ried jinnotifika l-Avviz ghal Ftehim, u f'kaz ta' kontestazzjoni fuq il-kumpens offrut, biex iressaq il-kontestazzjoni quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg.

**26.** Hi gurisprudenza pacifika tal-Qorti Ewropea li l-Artikolu 6(1) mhux biss jikkontjeni garanziji <u>procedurali</u> fir-rigward ta' proceduri gudizzjarji, izda wkoll jiggarantixxi <u>d-dritt</u> ghal tali proceduri gudizzjarji – jigifieri d-dritt ta' access ghal awtorita` gudikanti – fil-kazijiet imsemmja fl-artikolu (i.e. b'referenza ghall-kaz in dizamina, fil-kaz ta' *"the determination of civil rights and obligations"*). Kif inghad fil-kaz **Golder v. The United Kingdom** (21/2/1975, A, 18, p. 18):

**"Taking all the preceeding considerations together, it follows that the right of access constitutes an element which is inherent in the right stated by Article 6 paragraph 1. This is not an extensive interpretation forcing new obligations on the Contracting States it is based on the very terms of the first sentence of Article 6, paragraph 1 read in its context and having regard to the object and purpose of the Convention, a lawmaking treaty ... ... and to general principles of law."**

**27.** Dan id-dritt ghal access ghal awtorita` gudikanti irid ikun wiehed effettiv u reali u mhux arginat b'ostakoli jew limitazzjonijiet procedurali li jgibuh fix-xejn. Dan,

naturalment, ma jfissirx li ma jistax ikun hemm limitazzjonijiet, inkluzi limitazzjonijiet ta' natura procedurali, ghal acces ghal proceduri gudizzjarji. Ifisser biss li r-restrizzjoni jew limitazzjoni ma tridx tkun tali li "the very essence of the right is impaired" (ara **Ashingdane v. The United Kingdom** 28/5/1985, A 93 para 57). Inoltre, ir-restrizzjoni jew limitazzjoni irid ikollha ghan legittimu u trid tikkonforma mal-principju tal-proporzjonalita`, jigifieri irid ikun hemm *"a reasonable relationshiop of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved."* (**Ashingdane**, ibid.)[8].

**28.** Bil-procedura applikabbli ghal kaz odjern u li kienet applikabbli qabel l-emendi ta' l-2002, ir-rikorrenti intimati bhala s-sidien ta' l-art li kienet se tigi esproprijata qatt ma kellhom access diretti ghal awtorita` gudikanti sabiex jigi determinat il-kumpens dovut, imma kellhom biss access indirett ghal Bord ta' l-Arbitragg ta' l-Artijiet, meta l-appellat Kummissarju ta' l-Artijiet joghgbu jibda l-proceduri necessarji quddiem dan il-Bord. Huwa notorju li din il-procedura kienet qed twassal ghal hafna abbuzi jew ghall-inqas non-kuranza min-naha tal-Kummissarju appellant, u dan minhabba d-dewmien esagerat li kien qieghed jitrapassa bejn il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esproprjazzjoni u l-hrug ta' l-Avviz tal-Ftehim, u/jew minn meta s-sidien jikkuntestaw l-ammont offert ghal meta l-Kummissarju appellant jipprezenta l-proceduri necessarji quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg. Fil-kaz odjern il-Kummissarju appellant dam mill-1969 sa' l-2000 – wiehed u tletin sena – biex jinizja l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg, u dan biss sar ghaliex gie ordnat li jaghmel hekk b'sentenza tal-Qorti.

**29.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, la gie ppruvat li kien jezisti xi ghan legittimu ghal din il-procedura li tista' taghti lok ghal tant dewmien, u lanqas li jezisti xi ness ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi adoperati u l-ghan li ried jigi milhuq. Il-fatt li l-Kummissarju appellant irid ihallas l-interessi ossia imghaxijiet ghal kull dewmien, mhux sufficjenti sabiex

[8] Ara wkoll fl-istess sens **Emanuela Vella pro et noe v. Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali** deciza fis-27 ta' Marzu 2003 mill-Qorti Kostituzzjonali.

jissodisfa n-ness ta’ proporzjonalita`, ghaliex ma hux gust li sid ta’ art jithalla fil-limbu u fil-frustrazzjoni ghal ghexieren ta’ snin, meta huwa seta’ jinvesti huwa stess u bl-ahjar mod li jidhirlu huwa, il-kumpens li kien dovut lilu ghall-esproprjazzjoni. Inoltre, id-dritt ta’ access ghal awtorita` gudikanti kif interpretat mill-Qorti Ewropea, jista’ biss jiftiehem bhala dritt ghal access dirett u mhux ghal access indirett jew medjat, kif kien kontemplat fil-Kap. 88 qabel l-emendi ta’ l-2002.

**30.** Fit-tieni aggravju taghhom, l-intimati jargumentaw li fil-fatt ir-rikorrenti kellhom access ghal qorti, billi meta jkun hemm obbligazzjoni minghajr terminu, huma setghu jaccedu quddiem il-Qrati ghall-fissazzjoni ta’ dak it-terminu, kif ir-rikorrenti eventwalment ghamlu. Pero` dan mhux id-dritt ta’ access ghal awtorita` gudikanti kif previst fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan huwa biss rimedju taht il-ligi ordinarja li r-rikorrenti, bhala sidien, kellhom jutilizzaw qabel jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom, fis-sitwazzjoni infelici fejn il-Kummissarju appellat ikun qed jonqos mid-doveri tieghu. Pero` r-rikorrenti nfushom xorta ma kellhomx access dirett ghall-Bord ta’ l-Arbitragg, sabiex jiffissa l-kumpens lilhom dovut ghat-tehid tal-proprjeta` taghhom.

**31.** L-aqwa prova li din il-procedura kontemplata mill-Kap. 88 kienet monka huwa l-fatt li wara li, bl-emendi li saru fl-2002, is-sid gie moghti d-dritt li jaccedi direttament ghal quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg ghad-determinazzjoni tal-kumpens, ma jirrizultax li nholoq xi katastrofi fil-procedura tad-Dipartiment ta’ l-Artijiet sabiex din l-emenda setghet tigi implimentata. Ghalhekk ma jirrizulta li kien hemm l-ebda ghan legittimu ghaliex il-Kap. 88 ma kienx qieghed jaghti lir-rikorrenti, bhala sidien, access dirett ghal quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg.

**32.** Fid-dawl ta’ dan kollu, hija l-fehma ta’ din il-Qorti li kien hemm ksur tad-dritt tar-rikorrenti ghal access ghall-awtorita` gudikanti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Pero` wiehed ukoll irid jiftakar illi ai termini ta’ l-Artikolu 7 ta’ l-Att XIV ta’ l-1987: *“Ebda ksur ta’ l-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni ... ... li jsir qabel it-30 ta’*

*April 1987 ... ... ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-artikolu 4.”* Ghaldaqstant ghal fini ta’ l-Att XIV ta’ l-1987, jista’ jinghad li dan il-ksur ta’ l-Artikolu 6 beda jiddekorri mit-30 ta’ April 1987 ‘il quddiem, u baqa’ jiddekorri sat-18 ta’ April 2000, meta l-Kummissarju intimat intavola l-proceduri necessarji quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg.

**33.** Konsegwentement dan l-aggravju ghandu jigi michud, fil-limiti ta’ dak li inghad fil-paragrafu precedenti.

**It-tielet aggravju ta’ l-intimati appellanti**

**34.** Fit-tielet aggravju taghhom, l-intimati appellanti jissottomettu illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji taghhom precedenti, il-kumpens li inghata mill-ewwel Qorti ta’ €100,000 huwa bla bazi u huwa wiehed eccessiv.

**35.** Din il-Qorti, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tasal biex taqbel ma’ l-appellanti li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti huwa manifestament eccessiv u ma jzomm ebda proporzjonalita` ma’ sentenzi ohra ta’ din il-Qorti in materja. Pero`, wiehed irid jikkonsidra wkoll li l-ewwel Qorti sabet vjolazzjoni kemm ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghal perjodu li beda jiddekori mill-1969, mentri din il-Qorti qed issib biss vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea ghal perjodu limitat kif gja` gie fuq spjegat.

**36.** Billi ghad fadal li jigu kkunsidrati l-aggravji tar-rikorrenti, din il-Qorti mhux ser tesprimi ghalissa l-fehma taghha dwar l-ammont li ghandu jigi likwidat ghall-vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, izda jkun opportun li taghmel hekk biss fl-ahhar ta’ din is-sentenza, u cioe` wara li l-aggravji tal-partijiet kollha ikunu gew ikkunsidrati.

**L-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti**

**37.** Fl-ewwel aggravju taghhom, ir-rikorrenti appellanti jillanjaw illi ghalkemm ma hemm ebda dubju li l-iskop originali ta’ l-esproprju kien ta’ natura pubblika, tenut kont tal-mentalita` “statalista” prevalenti fiz-zmien meta saret

id-dikjarazzjoni, madanakollu, il-fatt illi l-parti l-kbira ta’ l-artijiet mertu ta’ dan ir-rikors baqghet qatt ma ntuzat ghal ghexieren ta’ snin u l-fatt illi l-proceduri ta’ esproprju ghadhom ma gewx konkluzi, jintitola lir-rikorrenti ghar-restituzzjoni ta’ l-istess.

**38.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva illi mhux korrett li jinghad li l-parti l-kbira ta’ l-artijiet mertu ta’ dan ir-rikors baqghet qatt ma ntuzat ghal ghexieren ta’ snin. Mir-rapport tal-perit tekniku mahtur mill-ewwel Qorti jirrizulta illi l-Plot B fil-kawza odjerna (Plot 53) ta’ kejl ta’ cirka 12,364 metri kwadri (11-il tomna) giet zviluppata f’bini u toroq ghall-Freeport, u hija biss parti zghira ta’ madwar 600 metru kwadru li prezentement tinsab barra mill-konfini taghha fl-istat originali taghha, pero` tista tkun inkluza fl-espansjoni ta’ l-istess Freeport li qieghda tigi ppjanata. Jirrizulta wkoll li Plot A (Plot 41) ta’ kejl ta’ cirka 6,744 metri kwadri (6 tomniet) tinsab prezenzjalment barra mill-konfini tal-Freeport fl-istat originali taghha, pero` tista’ tkun inkluza fl-espansjoni ta’ l-istess Freeport li qeghda tigi ppjanata[9].

**39.** Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma taqbilx li l-mument krucjali relattiv ghall-fatt jekk kienx jezisti jew le “interess pubbliku” hu l-mument ta’ l-esproprju. Kif gie rilevat fis-sentenza ta’ **Pawlu Cachia v. Avukat Generali et** deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-28 ta’ Dicembru 2001[10], l-interess pubbliku irid jissussisti mhux biss fil-mument tad-dikjarazzjoni ta’ l-esproprjazzjoni, imma jrid *“jibqa’ jissussisti sal-mument meta l-art tkun ghaddiet definittivament f’idejn l-Istat bit-temm tal-proceduri ta’ l-espropriazzjoni.”*[11]

**40.** Rigward il-kuncett ta’ l-interess pubbliku li jrid jissussisti sabiex tigi esproprjata art, issir referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti tat-30 ta’ April 2007, fl-ismijiet **Anthony Pullicino et v. L-Avukat Generali et** li wkoll

---

[9] Ara rapport tal-perit tekniku a fol. 79-80 tal-process.
[10] Komposta Mis-Sinjurija Tieghu Onorevoli Prim Imhallef Joseph Said Pullicino, l-Imhallef Carmel A. Aguis u l-Imhallef Joseph D. Camilleri.
[11] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Paul Fenech et v. Kummissarju ta’ l-Artijiet** deciza minn din il-Qorti fl-20 ta’ Frar 2009.

kienet tittratta t-tehid ta' art ghall-izvilupp tal-Freeport, u skans ta' ripetizzjoni taghmel ukoll referenza ghall-gurisprudenza fiha kkwotata. F'dik is-sentenza, din il-Qorti qalet hekk: *"Issa fil-kaz in dizamina ma jistax ikun* [hemm] *l-icken dubju ... ... li ghal dak li jirrigwarda l-plots, jew partijiet minnhom, li jinsabu gewwa l-konfini tal-Freeport dawn ittiehdu sa mill-bidu nett fl-interess pubbliku u fl-interess generali sabiex jigi zviluppat il-port hieles. ... ... Din il-Qorti ma tara xejn stramb, irragonevoli jew xi motiv ulterjuri subdolament travisat fil-fatt li tigi dikjarata mehtiega ghal skop pubbliku medda konsiderevoli ta' art anke jekk ghall-bidu l-progett ikun ser jutilizza biss parti minn dik l-art, u l-kumplament tithalla ghall-finijiet ta' l-eventwali espansjoni ta' dak il-progett. Fil-kaz tal-Freeport wiehed qed jitkellem fuq progett ta' natura eminentement kummercjali u ta' importanza strategika ghall-ekonomija tal-pajjiz – fatti dawn li l-Qorti hi ntitolata li tiehu judicial cognizance taghhom*[12] *- u wiehed ghandu ghalhekk jikkoncedi li meta issir l-esproprjazzjoni l-awtorita` pubblika taghmel il-kalkoli taghha u taghti lilha nnifisha margini ghall-espansjoni ghall-futur. In fatti fis-sentenza* ***Cachia****, dik il-Qorti kienet espressament ikkummentat hekk: 'Din il-Qorti tasal biex taqbel ma' l-appellanti li ma kienx mehtieg illi jkun identifikat progett specifiku li ghalih l-art tkun ser tigi jew tkun giet, esproprjata li jikkonkretizza l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali. Mhux eskluz li proprjeta` tigi esproprjata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest ta' l-izvilupp partikolari taz-zona jew biex taghti lok, per ezempju ghall-espansjoni futura ta' l-istess progett'."*

**41.** Ghalhekk ma hemmx dubju li kwantu ghal Plot B (plot 53) li fil-maggor parti assoluta taghha tinsab fiz-zona tal-Freeport u tinsab utilizzata ghal finijiet ta' l-istess Freeport, l-interess pubbliku mehtieg skond il-ligi kien jezisti meta saret id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali u baqghet

---

[12] Fil-kaz odjern dawn il-fatti dwar l-importanza ekonomika tal-Freeport huma imsahha bix-xhieda ta' John Gatt, Segretarju Permanenti fil-Miisteru ta' l-Investiment, Industrija u Teknologija Informatika a fol. 95 tal-process u Rinaldo Portelli, Senior Manager mal-Malta Freeport Corporation, a fol. 237-238 tal-process.

tezisti fil-mument li fih giet intavolata l-kawza odjerna. Ghal dak li jirrigwarda Plot A (plot 41) u dik il-parti zghira minn Plot B (plot 53) li ghadha mhux utilizzata, huwa vera li ebda uzu specifiku ma sar minn din l-art minn Frar 1969 sal-lum, pero` huwa wkoll veru li, kif irrizulta anki mir-rapport tal-perit tekniku[13], dawn il-bcejjec ta’ art huma post fejn il-Freeport jista’ ragjonevolment jespandi – kif effettivament jirrizulta li jrid jaghmel[14]. Ghalhekk, fuq il-provi li ngabu f’din il-kawza, din il-Qorti m’ghandiex ezitazzjoni tiddikjara li l-iskop pubbliku li ghalih gew espropprjati dawn iz-zewg bicciet art kien jezisti meta saret id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali u ghadu jezisti sal-lum.

**42.** Rigward dik il-parti ta’ l-aggravju tar-rikorrenti appellanti fejn huma jissottomettu li l-fatt li l-esproprju ghadu ma giex konkluz sal-lum jintitolahom ghar-restituzzjoni ta’ l-art, fil-fehma ta’ din il-Qorti dan il-fatt (cioe` li l-esproprju ghadu ma giex konkluz) jammonta ghal interferenza kontinwata w illegali fit-tgawdija taz-zewg bicciet art mertu tal-kawza odjerna, pero` ma jintitolax lir-rikorrenti ghar-restituzzjoni ta’ l-art. Din l-interferenza hija illegali mhux ghax ma kienx hemm jew m’ghadx hemm interess pubbliku ghall-espropprjazzjoni ta’ l-art in kwistjoni, izda ghax bit-trapass ta’ zmien gie nieqes dak il-bilanc ossia dik il-proporzjonalita` li trid tinzamm bejn l-interess tal-kollettivita`, rappresentata mill-Istat, u l-interess ta’ l-individwu[15]. Ghalhekk, kif gja` inghad, dan l-istat ta’ fatt ma jaghtix dritt lir-rikorrenti appellanti ghar-resitituzzjoni ta’ l-art, izda jwassal ghal lezjoni tad-dritt protett bl-ewwel vers ta’ l-ewwel parti ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni: *“Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha.”*

**43.** Ghaldaqstant, dan l-aggravju ghandu jigi milqugh fil-limiti kif hawn fuq spjegati.

---

[13] Ara rapport tal-perit tekniku Godwin Abela a fol. 79-80 tal-process.

[14] Ara xhieda tal-perit tekniku Godwin Abela a fol. 85-88 tal-process, u xhieda ta’ Rinaldo Portelli, Senior Manager mal-Malta Freeport Corporation, a fol. 237-238 tal-process.

[15] Ara fl-istess sens is-sentenza **Maria Stivala v. Kummissarju ta’ l-Artijiet** deciza fil-25 ta’ April 2008 minn din il-Qorti kif illum komposta.

**It-tieni aggravju tar-rikorrenti appellanti**

**44.** Fit-tieni aggravju taghom, ir-rikorrenti appellanti jissottomettu illi ladarba parti mill-artijiet li gew zviluppati gew mikrija lil terzi fis-settur privat, m'ghadux gustifikabbli fl-interess pubbliku li l-esproprju jigi konkluz fit-termini originali tieghu, u l-art tista' tigi restitwita lis-sidien taghha kif soggetta ghall-kirja prezenti, versu hlas tal-kera li jkun proporzjonat ghall-valur attwali ta' l-art, eskluzi l-benefikati, kif jikkontempla l-istess Kap. 88.

**45.** Dan l-ilment jincidi fuq il-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi "interess pubbliku", u jekk il-fatt li terz privat ikun b'xi mod se jibbenifika mill-esproprju, jinnewtralizzax dan il-kuncett. Kif gie affermat minn din il-Qorti (fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg) fil-kawza **Tarcisio Borg v. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et**, deciza fit-28 ta' Jannar 2008, l-interess pubbliku qatt ma jista' jirreferi ghal interess essenzjalment privat. L-interess huwa dejjem privat meta ma ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-ohra, pero`, il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika wkoll mill-esproprjazzjoni[16] , jew ikun involut b'xi mod fit-thaddim, anke jekk bi profitt ghalih[17], ta' progett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprjazzjoni ta' art jew possediment iehor, ma jfissirx necessarjament li dik l-esproprjazjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku.

**46.** Fil-kaz **James and others v. The United Kingdom**[18], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk: *"... ... a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be 'in the public interest'. Nonetheless, the*

---

[16] Ara **Salvatore Abdilla v. Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet et,** Qorti Kostituzzjonali, 30 ta' Mejju 2003; **Mario Cutajar noe v. Il-Kummissarju ta' l-Art et**, Qorti Kostituzzjonali 30 ta' Novembru 2001.

[17] **Emanuela Vella pro et noe v. Kummissarju ta' l-Artijiet**, Qorti Kostituzzjonali 27 ta' Marzu 2003.

[18] 21 ta' Frar 1986. A. 98 pp. 30-32. Din is-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg giet ukoll ikkwotata b'approvazzjoni fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Maria Stivala v. Kummissarju ta' l-Artijiet et** moghtija fil-11 ta' April 2006.

*compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest ... a taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other polices may be 'in the public interest', even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken ... ... Furthermore, the notion of 'public interest' is necessarily extensive. In particular, as the Commission noted, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve considerations of political, economic and social issues on which opinion within a democratic society may reasonably differ widely. The Court finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is 'in the public interest' unless that judgment be manifestly without reasonable foundation."*

**47.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa ovvju li dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh. Huwa logiku li l-implimentazzjoni ta' progett ta' tali importanza stategika w ekonomika ghall-pajjiz bhalma hu l-Freeport, trid issir ghall-inqas inizjalment mill-Istat u dan anke permezz ta' esproprjazzjoni ta' art, fejn hu necessarju. Pero`, dan ma jfissirx li ladarba l-Gvern hass li l-progett tal-Freeport kien gie varat u avvjat bizzejjed, ma jistax jipprivattizzah u/jew jghaddi l-gestjoni tieghu lil terz fil-privat, kif fil-fatt jirrizulta li sar. Din il-privatizzazzjoni bl-ebda mod ma xxellef mill-"interess pubbliku" tal-progett. Il-Gvern xorta se jkompli jdahhal renta konsiderevoli li tizdied kull sena minghand it-terz. Fil-fatt fl-ahhar tat-tletin sena kirja, il-Gvern se jkun dahhal $331 miljun. Jirrizulta li d-dhul dirett mix-xoghol tal-Freeport ghall-azjendi li joperaw go fih ilahhqu ghal madwar Lm21 miljun fis-sena. Hemm mijiet ta' nies impjegati ma' azjendi li jahdmu direttament jew indirettament fix-xoghol tal-Freeport. Il-Gvern ser idahhal dhul f'forma ta' taxxi minn fuq id-dhul ta' dawn l-impjegati kollha, kif ukoll dhul fil-forma tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) fuq ix-xiri u konsum ta' prodotti u servizzi mill-impjegati u minn kumpaniji ohra. Dan apparti id-dhul fuq

is-sisa u dazju minn fuq il-bejgh ta' fuel ghall-ingenji, apparti energija elettrika[19].

**48.** Il-fatti fis-sentenza **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. L-Avukat Generali et** deciza fit-8 ta' Frar 2007 minn din il-Qorti, li ghaliha jaghmlu riferenza r-rikorrenti appellanti, kienu jikkoncernaw it-tehid ta' proprjeta` ghal pussess u uzu, li min-natura tieghu, huwa intiz bhala mizura temporanja, u mhux akkwist ta' art b'xiri assolut bhal fil-kaz odjern. Inoltre, f'dak il-kaz, l-art li ttiehdet kienet qieghda tintuza biex tiffinanza attivitajiet kulturali principalment ta' natura privata, u ma kienitx qed tintuza ghal xi progett ekonomiku ta' importanza strategika nazzjonali bhal fil-kaz odjern.

**<u>It-tielet aggravju tar-rikorrenti appellanti</u>**

**49.** Permezz ta' dan l-aggravju r-rikorrenti appellanti jissottomettu illi ghal dak li jikkoncerna l-ilment taghhom ta' nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli (Artikoli 37(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea), l-ewwel Qorti kienet skorretta meta in parti accettat tali nuqqas imma attribwietu ghan-nuqqas ta' access ghat-tribunal kompetenti, u in parti cahditu in kwantu l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg ghadhom pendenti.

**50.** Minn dak li setghet tifhem din il-Qorti mir-rikors ta' l-appell, dan l-aggravju jinkorpora fih zewg ilmenti distinti li saru fir-rikors promotorju:

1. l-ewwel ilment jikkoncerna l-perjodu ta' aktar minn tletin sena, li halla jghaddi l-Kummissarju appellat qabel ma beda l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg;
2. it-tieni ilment huwa li l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg mhux qed jinstemghu b'rata li tassigura li dawn il-proceduri se jigu decizi fi zmien ragonevoli.

[19] Ara xhieda ta' Rinaldo Portelli, Senior Manager mal-Malta Freeport Corporation, a fol. 237-238 tal-process.

**51.** Fil-verita`, ghar-ragunijiet li se jigu spjegati iktar il quddiem, dawn m’humiex zewg ilmenti distinti, imma zewg branki ta’ ilment wiehed u cioe` dak ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.

**52.** L-ewwel Qorti cahdet l-ewwel ilment dwar id-dewmien tal-Kummissarju appellat li jibda l-proceduri quddiem il-Bord, ghaliex irriteniet illi dan l-ilment huwa fil-fatt l-istess wiehed bhal dak precedenti dwar nuqqas ta’ access ghal awtorita` gudikanti. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, dan mhux korrett: l-ilment dwar nuqqas ta’ access ghal awtorita` gudikanti huwa separat u distint mill-ilment ta’ nuqqas ta’ smiegh fi zmien ragonevoli (ghalkemm jista’ jirreferi, u f’dan il-kaz fil-fatt hekk jirreferi, ghall-istess disposizzjoni tal-ligi). Fil-waqt li d-dritt ta’ access ghal awtorita` gudikanti jikkoncerna d-dritt tar-rikorrenti li jipprocedu huma infushom b’mod dirett – cioe` mhux tramite l-Kummissarju appellat – quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg, id-dritt ta’ smiegh xieraq fi zmien ragonevoli jikkoncerna d-dritt tar-rikorrenti li l-kontestazzjoni li hemm bejnhom u bejn il-Kummissarju appellat dwar il-kumpens dovut ghat-tehid ta’ l-art, tigi deciza fi zmien ragonevoli. Ghaldaqstant dan l-ilment dwar nuqqas ta’ smiegh xieraq fi zmien ragonevoli irid jigi kkunsidrat ghalih.

**53.** L-ewwel Qorti cahdet ukoll dan l-ilment ghaliex irriteniet illi l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea invokati mir-rikorrenti appellanti, f’dan ir-rigward, jirreferu ghal proceduri li jkunu gja` nbdew quddiem l-awtorita` gudizzjarja kompetenti u li jiehdu zmien irragonevoli biex jigu decizi finalment. Fir-rigward ta’ dan l-ilment, fil-proceduri in prim istanza, r-rikorrenti kienu invokaw favur taghhom, l-Artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea[20]. F’dan l-istadju ta’ l-appell ir-rikorrenti invokaw ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**54.** Fir-rigward ta’ l-Artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni terga’ tqum il-kwistjoni jekk kull eventwali ksur ta’ dan l-Artikolu jinsabx “salvagwardjat” bl-Artikolu 47(9) ta’ l-

[20] Ara rikors promotorju a fol. 5 tal-process.

istess Kostituzzjoni, stante li l-Kap. 88 kien fis-sehh qabel it-3 ta' Marzu 1962. L-Artikolu 47(9) jipprovdi *inter alia* illi *"Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 ... ..."* (enfasi mizjuda). Issa fil-kuntest ta' l-ilment odjern, ir-rikorrenti appellanti mhux qeghdin jilmentaw minn xi *"hdim"* jew implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 88. Ghal kuntrarju huma qeghdin jilmentaw minn nuqqas ta' *"hdim"* jew implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 88, stante li l-Kummissarju appellat naqas mid-dmir impost fuqu b'dik il-ligi li jibda' proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg. Konsegwentement, fil-kuntest ta' dan l-ilment ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, id-disposizzjonijiet fl-Artikolu 47(9) huma inapplikabbli ghall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**55.** L-Artikolu 37(1)(b) jippreskrivi *inter alia* li meta jkun hemm t-tehid forzuz ta' proprjeta`, irid ikun hemm *"dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta` u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, hlas ta' dak il-kumpens."* Jidher mill-ewwel qari, li dan is-subartikolu imkien ma jsemmi u/jew jaghmilha tassattiva li l-proceduri quddiem tali qorti jew tribunali iridu jinstemghu fi zmien ragonevoli. Ghalhekk, dan is-subartikolu ma jiggarantix id-dritt ta' smiegh fi zmien ragonevoli, u ma jista' jkun ta' l-ebda komfort ghal-lanjanza tar-rikorrenti appellanti.

**56.** Min-naha l-ohra l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi *"Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti w imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli."* (enfasi mizjuda). Fis-sentenza **Perit Arkitett Joseph Barbara v Onor. Prim Ministru** deciza fl-20 ta' Jannar 1989,[21] din il-

[21] Vol. LXXIII (1989)-Part 1 – Pag. 14.

Qorti[22] kien irriteniet hekk: *"In fatti jidher li d-dispost ta' l-artikolu 40(2)[23] tal-Kostituzzjoni huwa dirett biex f'kawzi* <u>*mibdija*</u> *quddiem Qorti jigi osservat il-principju tal-"Fair Hearing" fi zmien ragonevoli, u ma jikkoncernawx id-dritt ta' azzjoni ut sic bhal fil-kaz prezenti."* (enfasi tal-Qorti). Ghaldaqstant, l-Artikolu 39(2) jimponi r-rekwizit ta' "smiegh xieraq fi zmien ragonevoli" ghal proceduri li jkunu gia mibdija quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti, u ghalhekk dan l-artikolu m'hux applikabbli ghall-ilment tar-rikorrenti appellanti.

**57.** Jibqa' x'jigi ikkunsidrat l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jiddisponi hekk: *"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b'ligi."* L-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick[24] jikkummentaw hekk: *"Article 6 normally begins to apply in cases invovling the determination of a person's civil rights and obligations when court proceedings are instituted. But, just as in criminal cases the guarantee may apply before the competent court is seised, so too in civil cases it may begin to run before the writ is issued. This has been held to be the case in trial within a reasonable time claims in which the applicant must exhaust a preliminary administrative remedy under national law before having recourse to a court or tribunal or where he objects to a draft plan for land consolidation that deprives him of his land. ... ... In the second situation, the Court's reasoning was that a dispute or 'contestation' concerning civil rights and obligations arose when the objections to the draft plan were officially lodged, not later when the applicants instituted tribunal proceedings after being served with notice of the decision to deprive him of his land."*[25]

[22] Kif dak iz-zmien komposta mis-Sinjurija Tieghu Onorevoli Prim Imhallef Hugh Harding, President, u l-Imhallfin Wallace A. Gulia u Carmel A. Agius.
[23] Illum artikolu 39(2).
[24] ***Law of the European Convention on Human Rights*** Butterworths (London), 1995.
[25] *Op. cit.* pag. 195.

**58.** Il-kaz imsemmi fit-tieni sitwazzjoni huwa dak ta' **Erkner & Hofauer v. Austria** deciz fl-24 ta' Marzu 1987, fejn il-Qorti ta' Strasbourg iddecidiet hekk:

**"64. In civil proceedings, the "reasonable time" referred to in Article 6 § 1 (art. 6-1) normally begins to run from the moment the action was instituted before the "tribunal" (see, as the most recent authority, the Deumeland judgment of 29 May 1986, Series A no. 100, p. 26, § 77); it is conceivable, however, that in certain circumstances the time may begin to run earlier (see the Golder judgment of 21 February 1975, Series A no. 18, p. 15, § 32).**

**"In the instant case, the applicants had recourse to the appropriate tribunals after 4 April 1973, when the decision of 10 August 1970 on a provisional transfer was served on them (see paragraphs 13-18 above). They had made their objections to the District Authority itself, however, as early as August 1970, although it has not been possible to establish the exact date (see paragraph 12 above). The Court concurs with the Commission in inferring that the dispute ("contestation") to be determined arose on or around 10 August 1970, which accordingly marks the beginning of the period to be taken into consideration (see, *mutatis mutandis*, the König judgment of 28 June 1978, Series A no. 27, p. 33, § 98)."**[26]

**59.** Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u dottrina, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li d-dritt ghal smiegh fi zmien ragonevoli taht il-Konvenzjoni Ewropea, huwa protett biss u invarjabbilment f'dawk il-kazijiet meta l-proceduri jkunu gia mibdija quddiem il-qorti u/jew tribunal. B'anologija mal-kaz ta' **Erkner & Hofauer**, fil-kaz odjern il-kontestazzjoni bdiet minn meta l-Kummissarju appellat gie notifikat bl-ittra ufficjali tar-rikorrenti appellanti u/jew l-awturi taghhom ta' l-10 ta' Mejju 1969, li permezz taghha irrifjutaw il-kumpens offert

[26] Ara wkoll b'analogija is-sentenza **Shouten and Meldrum v. The Netherlands** deciza fid-9 ta' Dicembru 1994.

ghat-tehid ta' l-art. Ghalhekk kien minn dak in-nhar li beda jigi ivvjolat id-dritt tar-rikorrenti appellanti u/jew *aventi causa* taghhom ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.

**60.** Pero` wiehed ma jridx jinsa li skond l-Artikolu 7 ta' l-Att XIV ta' l-1987 *"Ebda ksur ta' drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali imwettqa qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dan l-Att."* Dan ifisser illi l-perjodu ta' bejn l-1969 u t-30 ta' April 1987 ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni. Ghalhekk, din il-Qorti tista' biss tikkunsidra li kien hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti appellanti ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli mit-30 ta' April 1987 sat-18 ta' April 2000, meta l-Kummissarju appellat intavola l-proceduri necessarji quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg – trapass ta' kwazi tlettax-il sena.

**61.** L-intimati appellati jipprovaw jiggusitifikaw dan id-dewmien, billi jghidu li r-rikorrenti appellanti ma ikkollaborawx maghhom sabiex tigi stabbilita b'certezza min huma s-sidien ta' l-art li se tittiehed, billi l-ko-proprjetarji – kif jixhed l-okkju ta' din il-kawza stess – huma numeruzi. Pero` anki jekk ghal grazzja ta' l-argument dan kien veru, kif sewwa osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Rene` Frendo Randon et v. Kummissarju ta' l-Artijiet** deciza fl-4 ta' Frar 2000 – li ipprefiggiet terminu sabiex il-Kummissarju appellat jipprocedi quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg – *"(D)in mhux skuzanti ghall-konvenut ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, kif gie verbalizzat fl-udjenza ta' l-14 ta' Mejju 1999 "Meta giet effettwata l-esproprjazzjoni fl-1969 u inhareg l-Avviz ghal ftehim, is-sidien kollha tal-proprjeta` in kwistjoni, kif innotifikati dak iz-zmien, kienu kollha hajjin." Ghalhekk ma kien hemm xejn li jzomm lill-konvenut li jistitwixxi immedjatament dawk il-proceduri quddiem il-Bord gialadarba kien hemm rifjut ta' l-offerta ta' kumpens minnu maghmula. Fit-tieni lok ... ...jinkombi* [fuq] *l-Kummissarju ta' l-Art li jistabilixxi* [minn huma] *s-sidien ta' l-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju ta' l-Art li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu*

*taghhom. In oltre jigi osservat li l-ligi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq billi f'kaz li s-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu incerti jew assenti jew minuri jew persuna inkapaci, l-artikolu 10 jiddisponi li 'il-procediment taht din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jigu mahtura kif jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili'."*

**62.** Inoltre, hemm konsiderazzjoni ohra pertinenti ghall-kaz in dizamina. Kif gie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha **Paul Fenech vs. Kummissarju ta' l-Artijiet** deciza fl-20 ta' Frar 2009, f'kazijiet bhal dak odjern kien jezisti rimedju ordinarju, fejn sid l-art jistitwixxi proceduri civili fejn jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-Kummissarju ta' l-Artijiet irid jagixxi biex ikompli l-procedura ta' l-esproprjazzjoni. Ghalkemm ir-rikorrenti appellanti utilizzaw dan ir-rimedju biss fl-1996, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li huma kellhom jaghmlu uzu minn dan ir-rimedju ghexieren ta' snin qabel, u kieku ghamlu hekk, forsi li d-dewmien f'dan il-kaz kien jonqos konsiderevolment. Konsegwentement, fil-likwidazzjoni tad-danni morali, ghandu jittiehed ukoll kont tal-fatt li r-rikorrenti appellati jahtu wkoll f'certu sens, ghalkemm b'mod limitat hafna, ghal dan id-dewmien ghaliex ghal snin shah naqsu li jutilizzaw rimedju ordinarju disponibbli ghalihom.

**63.** Ghaldaqstant, dan l-ewwel ilment tat-tielet aggravju tar-rikorrenti appellanti ghandu jigi milqugh bil-limitazzjonijiet fuq spjegati.

**64.** It-tieni parti ta' l-ilment tat-tielet aggravju huwa li l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg mhux qed jinstemghu b'rata li tassigura li dawn il-proceduri se jigu decizi fi zmien ragonevoli. Fil-verita` dan l-ilment jikkoncerna fazi ohra ta' l-ewwel wiehed u cioe` dak ta' nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, u dan ghaliex kif jirrelevaw l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick, fuq citati, ladarba l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ikun beda japplika: *"... ... Article 6 ceases to apply only when the*

*case is finally determined"*[27]. Jirrizulta illi l-kontestazzjoni fuq il-kumpens dovut li bdiet fl-1969 ghadha pendenti sal-lum, peress illi issa l-kwistjoni qieghda pendenti quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg. Ghalhekk irid jigi ikkunsidrat ukoll jekk il-proceduri quddiem dan il-Bord hux qed jitmexxew b'mod li jassigura li se tinghata decizjoni fi zmien ragonevoli.

**65.** Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, mhux korrett li jinghad illi sabiex jigi determinat jekk il-proceduri in kwistjoni hadux "zmien ragonevoli", l-istess proceduri jridu jkunu gia decizi b'mod finali (differenti hu l-kaz ghal dak li jirrigwarda jekk is-smigh kienx wiehed "xieraq" – "fair" – ghax f'dak il-kaz wiehed irid neccessarjament jara l-proceduri fit-totalita` taghhom). Fl-ewwel lok, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 jipprovdi illi: *"Kull persuna li tallega li xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun gie, <u>ikun qed jigi jew ikun x'aktarx ser jigi miksur dwarha</u>, ... ... tista' ... ... titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju."* (enfasi ta' din il-Qorti). Ghalhekk huwa sufficjenti li jkun hemm il-potenzjalita` konkreta ta' ksur ta' dritt fundamentali, sabiex il-persuna koncernata tkun tista' titlob rimedju lill-Prim Awla. Fit-tieni lok, anki l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kemm-il darba kkunsidrat jekk applikant ikunx qed jinghata smiegh fi zmien ragonevoli, meta l-kawza li jkun qed jilmenta mid-dewmien taghha, tkun ghadha ma gietx deciza finalment. Fil-fatt l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jirreferu ghal kaz **Guincho v. Portugal**[28] fejn il-Qorti Ewropea ikkunsidrat illi *"nearly four years for a personal injuries claim that was still pending before the trial court was 'at first sight' unreasonable for a single jurisdictional level ... ..."*[29] u fil-fatt sabet ksur ghad-dritt ta' smiegh fi zmien ragonevoli.

**66.** Fil-kaz odjern, r-rikorrenti appellanti qed jallegaw illi mhux qeghdin jinghataw u/jew x'aktarx mhux se jinghataw smiegh fi zmien ragonevoli mill-Bord ta' l-Arbitragg. Issa, proprjament il-kwistjoni ma hix jekk dawn il-proceduri

[27] *Op.cit.* pag. 196.
[28] A 81 (1984) deciz fl-10 ta' Lulju 1984.
[29] *Op. cit.* pag. 229.

hadux jew hux se jiehdu zmien irragonevoli. Il-mistoqsija li trid issir hija jekk l-iStat Malti ghandux jigi ritenut responsabbli ghal dan id-dewmien, jew inkella kienx hemm komportament ta' l-istess rikorrenti appellanti li wassal, jew ghall-inqas ser iwassal, ghal dan id-dewmien. F'dawn il-proceduri kostituzzjonali, ir-rikorrenti qatt ma ipproducew jew talbu li jigu prodotti jew ezebiti, kopja ta' l-inkartament ossia ta' l-atti quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg – u certament kien jinkombi fuqhom li jippruvaw dak minnhom allegat bl-ahjar prova disponibbli ghalihom skond il-ligi.

**67.** Konsegwentement fin-nuqqas ta' tali prova, din it-tieni branka ta' l-ilment ta' nuqqas ta' smiegh fi zmien ragonevoli ma tistax tigi kkunsidrata.

**<u>Ir-raba' aggravju tar-rikorrenti appellanti</u>**

**68.** F'dan l-aggravju ir-rikorrenti appellanti jissottomettu illi ghalkemm huwa minnu li l-gudikant assenjat ghall-Bord ta' l-Arbitragg huwa membru tal-gudikatura[30] bil-garanziji kollha ta' indipendenza w imparzjalita` provvduti bl-istess Kostituzzjoni u b'ligijiet ohra[31]; madanakollu l-membri teknici tal-Bord (li effettivament f'kaz ta' qbil bejniethom jillikwidaw wahedhom il-*quantum* dovut) jintghazlu esklussivament mill-Gvern innifsu u l-Gudikant jista' biss jaghzel mil-lista provduta lilu. Jissottomettu wkoll li l-mod kif dawn il-membri teknici jigu mahtura jimmina s-*security of tenure* taghhom.

**69.** Fir-risposta ta' l-appell taghhom, l-intimati jichdu din l-allegazzjoni u jissottomettu illi r-rikorrenti dejjem ghandhom a disposizzjoni taghhom ir-rimedju tar-rikuza. Pero` din il-Qorti tosserva li r-rikorrenti appellanti m'humiex jallegaw li xi wiehed jew izjed mill-periti teknici li jassistu l-Bord ma humiex indipendenti u/jew imparzjali. Ir-rikorrenti qeghdin jallegaw li l-<u>mod ta' kif dawn il-periti</u>

---

[30] Skond il-Kostituzzjoni, huma membri tal-Gudikatura il-Prim Imhallef, l-Imhallfin u l-Magistrati biss. Gudikaturi fit-Tribunali ghat-Talbiet Zghar, Kummissarji tal-Gustizzja, arbitri ecc ma jikkwalifikawx bhala membri tal-Gudikatura.

[31] Ic-*Chairman* jista' jkun ukoll persuna li <u>kellha</u> l-kariga ta' Imhallef. Il-kwistjoni ta' Imhallef irtirat bhala *Chairman* ma tqumx f'din il-kawza.

teknici jigu mahtura u l-kundizzjonijiet relatati mal-hatra taghhom ma jiggarantux l-indipendenza u l-imparzjalita` necessarja li huma ghandhom ikollhom mill-ezekuttiv, tenut kont in partikolari li hawn si tratta ta' kawza fejn il-kontroparti huwa l-Gvern. Ghalhekk, fil-kuntest ta' din l-allegazzjoni, r-rimedju ta' rikuza m'huwiex rimedju effikaci, ghaliex skond ir-rikorrenti appellanti – dejjem salv il-fondatezza o meno ta' l-allegazzjoni taghhom – il-periti teknici kollha li jistghu potenzjalment jigu mahtura, ma jissodisfawx it-test ta' l-indipendenza w imparzjalita` kif garantit mill-Artikoli 37(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**70.** L-Artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni ma jistax jigi invokat mir-rikorrenti stante li billi Kap. 88 kien diga` jezisti qabel it-3 ta' Marzu 1962, id-disposizzjonijiet tieghu huma salvagwardati bl-Artikolu 47(9), kif diga` gie fuq spjegat.

**71.** Din il-Qorti hi tal-fehma li ma hemm l-ebda differenza sostanzjali bejn il-kuncetti ta' indipendenza w imparzjalita` kif imfissra fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u ghalhekk dawn iz-zewg disposizzjonijiet ser jigu kkunsidrati flimkien.

**72.** Harris, O'Boyle u Warbrick, fuq citati, jikkummentaw hekk dwar il-kuncett ta' l-indipendenza ta' tribunal:

**"With regard to other bodies, in Campbell and Fell v. UK[32] the Court indicated the considerations it takes into account when assessing independence:**

**'In determining whether a body can be considered to be 'independent' – notably of the executive and of the parties to the case – the Court has regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressure and the question whether the body presents an appearance of independence'."**

---

[32] A 80 para78 (1984).

**73.** L-Artikoli rilevanti tal-Kap. 88 huma s-segwenti:

*"**23.** (1) Ghandu jkun hemm Bord li jkun maghruf bhala Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet.*

*(2) Il-Bord ikun maghmul minn chairman li jinhatar mill-President ta' Malta. Ic-chairman ikun persuna li jkollha jew kellha l-kariga ta' mhallef jew persuna li jkollha l-kariga ta' magistrat.*

*(3) ... ...*
*.*
*(4) Il-President ta' Malta ghandu jahtar ukoll lista ta' Arkitetti u Inginieri Civili minn fost persuni li jkollhom il-warrant biex jahdmu ta' Arkitett u Inginier Civili skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Arkitetti u jkunu ilhom fil-prattika ta' dik il-professjoni ghal mhux inqas minn seba' snin.*

*(5) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 733, 734, 735, 737 u 739*[33] *tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom ighoddu ghac-chairman u ghall-membri li jinsabu fuq il-lista u kull eccezzjoni ta' rikuza kontra membru li jinsab fuq il-lista ghandha tigi deciza mic-chairman u d-decizjoni tieghu mhix appellabbli."*

**74.** L-Artikolu 24(3) imbaghad jippreskrivi illi *"Il-membri tal-lista jistghu jinhatru ghal zmien sentejn u jistghu jergghu jinhatru mill-gdid."*

**75.** L-Artikolu 25 jittratta dwar is-setghat tal-Bord ta' l-Arbitragg u jiddisponi *inter alia*:

**(3) Kull meta jkun hemm kwistjoni quddiem il-Bord li tkun tehtieg l-istima ta' xi art jew kull fehma teknika ohra dwar kaz li jkun qed jittratta l-Bord, ic-chairman ghandu jassenja tnejn mill-membri li jinsabu fuq il-lista sabiex jezaminaw l-art relattiva, jew sabiex jaraw dak il-parti tal-process li jkollha x'taqsam mal-kwistjoni li dwarha tinhtieg il-fehma teknika; u dawk**

[33] Dawn l-artikoli jikkoncernaw ir-rikuza ta' l-imhallfin u l-magistrati.

**iz-zewg membri ghandhom jipprezentaw ir-rapport taghhom lic-chairman ... ...**

**(5) Ic-chairman ikun biss obbligat li joqghod fuq ir-rapporti tal-membri li jinsabu fuq il-lista kull meta r-rapporti taz-zewg membri li jinsabu fuq il-lista f'xi kaz partikolari jkunu unanimi; meta dawk iz-zewg membri ma jkunux unanimi, ic-chairman ghandu fuq il-bazi tar-rapporti maghmulin miz-zewg membri, jiddeciedi l-kwistjoni hu nnifsu. ... ...**

**(7) Ikun hemm appell minn punt ta' dritt mid-decizjoni tal-Bord fuq kwalunkwe wahda mill-materji hawn fuq imsemmija. L-appell li jsir permezz ta' rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell ... ..."**

**76.** In bazi ta' dawn id-disposizzjonijiet, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

1. Ghalkemm kif osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-membri teknici m'humiex ufficjalment membri tal-Bord, mill-banda l-ohra huwa l-istess Kap. 88 li jsejjah lil dawn il-periti *"membri".* Huma l-membri teknici li jaghtu l-opinjoni taghhom dwar il-kumpens dovut ghat-tehid ta' l-art, u c-Chairman tal-Bord huwa marbut li joqghod fuq il-fehma ta' dawn il-membri teknici, u m'ghandu l-ebda diskrezzjoni jiddipartixxi minnha, f'kaz li r-rapporti taghhom ikunu unanimu (cioe` t-tnejn ikunu jaqblu). Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li l-funzjoni ta' dawn il-membri teknici tista' tigi ekwiparata ma' dik ta' periti teknici nominati fi proceduri civili biex jaghtu parir lill-gudikant. Il-funzjoni tal-membri teknici tal-Bord ta' l-Arbitragg tista' tkun hafna iktar b'sahhitha, ghaliex f'kaz ta' qbil bejniethom, huma dawn il-membri teknici li effitavament jiddeciedu l-kwistjoni fuq il-kumpens dovut, u c-Chairman tal-Bord, ghalkemm membru tal-gudikatura, ma ghandu l-ebda diskrezzjoni in materia, u hu obbligat jimplimenta l-opinjoni tal-membri teknici.

2. Ghalkemm l-Artikolu 25(7) jaghti dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Bord, dan l-appell huwa limitat ghal punti ta'

dritt. L-opinjoni tal-membri teknici dwar l-ammont ta' kumpens dovut, hija fil-maggor parti tal-kazijiet, apprezzament ta' fatt, u ghalhekk fil-maggor parti tal-kazijiet ma tatix lok ghal dritt ta' appell.

3. Fit-termini ta' l-Artikolu 24(3) tal-Kap. 88, il-membri teknici *"jistghu jinhatru ghal zmien sentejn"* (enfasi ta' din il-Qorti). Dan ifisser li l-membri teknici jistghu jigu mahtura ghal perjodu massimu ta' sentejn, pero` il-perjodu ta' hatra taghhom tista' tkun anke ghal perjodu iqsar. Fi kwalunkwe kaz, il-perjodu massimu ta' sentejn huwa diga` fih innifsu perjodu qasir.

4. Ma hemm l-ebda disposizzjoni fil-Kap. 88, li tissalvagwardja dawn il-membri teknici minn pressjonijiet esterni u/jew li tiggarantixxi li ma jigux imnehhija arbitrarjament matul il-perjodu tal-hatra taghhom.

5. L-Artikolu 24(3) jipprospetta l-possibilita` li membri teknici jistghu, wara li jiskadi l-periodu tal-hatra taghhom, jergghu jigu mahtura mill-gdid ghal periodu jew periodi ohra. Dan il-prospett ta' tigdid tal-hatra jista', anki minn lenti purament oggettiva, iservi ta' incentiv fuq l-membri teknici sabiex ma jaghmlux stimi gholja ta' l-art li tkun se tittiehed, biex b'hekk ma jurtawx lill-Ezekuttiv, li minnu jiddependu biex jergghu jigu mahtura.

**77.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta tikkunsidra dawn l-osservazzjonijiet fid-dawl tal-fatt li l-membri teknici jigu appuntati mill-Ezekuttiv biex jaghtu opinjoni, li tista' f'certi sitwazzjonijiet tekwivali ghal decizjoni, f'kawzi fejn il-gvern ghandu interess finanzjarju dirett, ma jistax jinghad li l-Kap. 88 jaghti garanziji sufficjenti biex dawn l-membri teknici ma jkollhomx pressjonijiet esterni, partikolarment mill-Ezekuttiv, u lanqas jista' jinghad li dawn ic-cirkostanzi kollha konnessi mal-hatra taghhom fit-totalita` taghhom jaghtu impressjoni oggettiva li dawn il-membri teknici huma verament indipendenti.

**78.** Fid-dawl ta' dan kollu, mhux necessarju li din il-Qorti tinoltra ruhha fil-kwistjoni ta' jekk il-membri teknici tal-Bord joffrux ukoll garanzija ta' imparzjalita`.

**79.** Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dak kollu li nghad hawn fuq, dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

**Il-hames aggravju tar-rikorrenti appellanti**

**80.** F’dan l-aggravju ir-rikorrenti appellanti jissottomettu illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ghazlet li ma tissindikax f’dan l-istadju l-*quantum* li jista’ jigi eventwalment likwidat mill-Bord ta’ l-Arbitragg billi l-proceduri kienu ghadhom pendenti. Huma jissottomettu illi l-Bord m’huwiex f’pozizzjoni li jillikwida kumpens li jkun xieraq u adegwat, partikolarment ghaliex skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 il-kumpens ghandu jirreferi ghaz-zmien tan-notifika tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Generali li ddikjarat li l-art ghandha tigi esproprjata[34].

**81.** Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, dan l-ilment huwa intempestiv, ghaliex il-kumpens li finalment ser jircievu r-rikorrenti appellanti ghadu jrid jigi iffissat mill-Bord ta’ Arbitragg dwar Artijiet, u mid-decizjoni ta’ dan il-Bord hemm dritt ta’ appell lill-Qorti ta’ l-Appell fuq punti ta’ dritt. Huwa biss wara li l-kumpens jigi finalment deciz mill-Bord, u, jekk ikun il-kaz, wara li jkun hemm id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell, li wiehed ikun jista’ jikkunsidra jekk il-kumpens li gie deciz li hu dovut lir-rikorrenti appellanti huwiex wiehed xieraq u adegwat.

**82.** Inoltre, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, ir-rikorrenti appellanti mhux qed jallegaw f’dawn il-proceduri li d-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap.88 dwar il-kumpens ghat-tehid ta’ art jilledu xi dritt fundamentali taghhom.

**83.** Ghaldaqstant, dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**Kumpens dovut**

**84.** Wara li ikkunsidrat id-drittijiet fundamentali kollha li fil-fehma ta’ din il-Qorti gew lezi kif fuq spjegat, u wara li din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, hija tal-fehma li

[34] Artikolu 27 tal-Kap. 88.

r-rikorrenti appellanti ghandhom jinghatalhom kumpens ghal danni morali ta' ghoxrin elf euro (€20,000).

**Decide**

**85.** Konsegwentement din il-Qorti qieghda, ghar-ragunijiet fuq esposti, tirriforma s-sentenza appellata billi (**a**) tikkonfermaha in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront tal-Kummissjoni ghall-Amministratzzjoni tal-Gustizzja, in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati (dwar il-prova tat-titolu), kif ukoll in kwantu laqghet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati u lliberat mill-osservanza tal-gudizzju lill-Onor. Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u l-Gvern Lokali, u (**b**) thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok tiddikjara li gew lezi (**i**) id-dritt tar-rikorrenti appellanti ghal access ghal awtorita` gudikanti kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, (**ii**) id-dritt taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif protett bl-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, (**iii**) id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u (**iv**) id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq minn tribunal indipendenti kif protett bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u (**c**) tichad il-pretensjonijiet l-ohra kollha tar-rikorrenti appellanti; (**d**) tillikwida l-ammont ta' ghoxrin elf euro (€20,000) bhala danni morali, u tikkundanna lill-Kummissarju ta' l-Art u lill-Avukat Generali *in solidum* bejniethom ihallsu lir-rikorrenti appellanti din is-somma hekk likwidata.

**86.** In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez kemm ta' l-ewwel Qorti kif ukoll ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**87.** Fl-ahharnett, in vista ta' dak deciz taht l-intestatura "Ir-raba' aggravju tar-rikorrenti appellanti", tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi trasmessa mir-Registratur, Qrati u Tribunali Civili, lill-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappresentanti ghall-finijiet tal-Artikolu 242(1) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------